



TESTI ADOTTATI

P10_TA(2026)0140

L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi u l-emenda tar-Regolamenti

Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fid-29 ta' April 2026 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1907/2006, (UE) Nru 528/2012, (UE) Nru 649/2012 u (UE) 2019/1021 (COM(2025)0386 - C10-0141/2025 - 2025/0207(COD))¹

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

¹ Il-każ ġie mgħoddi lura għan-negozzjati interistituzzjonali lill-kumitat responsabbli, skont l-Artikolu 60(4), ir-raba' subparagrafu (A10-0093/2026).

Emenda 1

Proposta għal regolament Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

(9) Jenħtiegħ li l-Aġenzija tkompli tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni u l-infurzar tal-leġislazzjoni u l-politiki tal-Unjoni relatati mal-perikli, ir-riskji **u** l-użu sikur tas-sustanzi kimiċi sabiex jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, il-funzjonament effiċjenti tas-suq intern u l-koerenza u l-konsistenza fil-ġestjoni tas-sustanzi kimiċi madwar l-Unjoni, filwaqt li ssaħħaħ il-kompetittività u l-innovazzjoni, billi tqis il-ħtiġijiet speċifiċi tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u tippromwovi **alternattivi għall-ittestjar fuq** l-annimali.

Emenda

(9) Jenħtiegħ li l-Aġenzija tkompli tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni u l-infurzar tal-leġislazzjoni u l-politiki tal-Unjoni relatati mal-perikli, ir-riskji, l-użu sikur, **u s-sostenibbiltà ambjentali** tas-sustanzi kimiċi **u ta' gruppi tagħhom, it-taħlitiet u l-oġġetti** sabiex jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, **inkluża l-protezzjoni ta' gruppi vulnerabbli**, il-funzjonament effiċjenti tas-suq intern u l-koerenza u l-konsistenza fil-ġestjoni tas-sustanzi kimiċi madwar l-Unjoni, filwaqt li ssaħħaħ il-kompetittività u l-innovazzjoni, billi tqis il-ħtiġijiet speċifiċi tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju **biex tissalvagwardja u ssaħħaħ aktar l-istandards tas-saħħa okkupazzjonali** u tippromwovi **approċċi li ma jinvolvux l-annimali u metodoloġiji emerġenti. Billi tilħaq l-oġġettivi u l-kompiti tagħha, l-Aġenzija se tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni sħiħa tal-oġġettivi tat-Trattati u, b'mod partikolari, skont l-Artikolu 191(2) tat-TFUE, għall-fatt li l-politika ambjentali trid tkun ibbażata fuq il-prinċipju ta' prekawzjoni u fuq il-prinċipji li jenħtiegħ li tittieħed azzjoni preventiva, li d-dannu ambjentali jenħtiegħ li, bħala prijorità, jiġi rettifikat fis-sors u li min iniġġes**

jenħtieġ li jħallas.

Emenda 2

Proposta għal regolament Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10a) Sabiex issaħħaħ il-kapaċità u tikkontribwixxi għall-ħidma tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, jenħtieġ li l-Aġenzija tkun tista' tissekonda uffiċjali u aġenti oħra fl-impjieġ tagħha, fl-interess tas-servizz u f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolamenti tal-Persunal tar-Regolament Nru 31 (KEE), 11 (KEEA)^{1a} u l-Artikolu 51 tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieġ ta' Aġenti Oħra tar-Regolament Nru 31 (KEE), 11 (KEEA), lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jew lil korpi pubbliċi oħra fdati b'kompiti relatati mal-mandat tal-Aġenzija.

^{1a} Ir-Regolament Nru 31 (KEE), 11 (KEEA), li jistabbilixxi r-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieġ ta' Aġenti Oħra tal-Komunità Ekonomika Ewropea u tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU 45, 14.6.1962, p. 1385, ELI: [http://data.europa.eu/eli/reg/1962/31\(1\)/oj](http://data.europa.eu/eli/reg/1962/31(1)/oj)).

Emenda 3

Proposta għal regolament

Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) Jenħtieġ li l-istruttura tal-Aġenzija tkun adattata għall-kompiti tagħha u jenħtieġ li tqis l-esperjenza miksuba mill-funzjonament u l-prestazzjoni tal-Aġenzija sa mit-twaqqif tagħha. Huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-Aġenzija tkun mġhammra biex twettaq il-kompiti tagħha b'kapaċitajiet xjentifiċi u tekniċi għoljin biex tiġi żgurata l-oġġla kwalità possibbli. **Billi l-fiduċja fl-Aġenzija mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni, l-Istati Membri, il-pubbliku ġenerali u l-partijiet interessati hija vitali, jenħtieġ li din twettaq il-kompiti tagħha b'mod trasparenti u effiċjenti.**

Emenda 4

**Proposta għal regolament
Premessa 11a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(11) Jenħtieġ li l-istruttura tal-Aġenzija tkun adattata għall-kompiti tagħha u jenħtieġ li tqis l-esperjenza miksuba mill-funzjonament u l-prestazzjoni tal-Aġenzija sa mit-twaqqif tagħha. Huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-Aġenzija tkun mġhammra biex twettaq il-kompiti tagħha b'kapaċitajiet xjentifiċi u tekniċi għoljin biex tiġi żgurata l-oġġla kwalità possibbli.

(11a) L-Aġenzija jenħtieġ li tkun ċentrali sabiex tiżgura li l-leġiżlazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi kif ukoll il-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet u l-bażi xjentifika sottostanti għaliha jkollhom kredibbiltà mal-partijiet ikkonċernati kollha u mal-pubbliku ġenerali. L-Aġenzija jenħtieġ li jkollha wkoll rwol ċentrali biex tikkoordina l-komunikazzjoni dwar il-leġiżlazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi u biex timplimentaha. Għalhekk il-fiduċja fl-Aġenzija mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni, l-Istati Membri, il-pubbliku

*ġenerali u l-partijiet
interessati hija essenzjali.
Għal dik ir-raġuni, huwa vitali
li jiġu żgurati l-indipendenza,
il-kapaċitajiet xjentifiċi,
tekniki u regolatorji għolja, kif
ukoll it-trasparenza u l-
effiċjenza tagħha. Barra minn
hekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti
regoli ċari u effettivi għall-
prevenzjoni u l-ġestjoni tal-
kunflitti ta' interess, u
jenħtieġ li l-esperti ma
jinħatrux f' Kumitati fejn jeżisti
tħassib raġonevoli dwar il-
kunflitti ta' interess.*

Emenda 5

Proposta għal regolament Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni

(13) Jenħtieġ li l-Bord **tat-Tmexxija** tal-Aġenzija jiġi fdat bis-setgħat meħtieġa, b'mod partikolari biex jaħtar id-Direttur Eżekuttiv, il-membri tal-RAC u tal-SEAC u tal-Bord tal-Appell, u biex jadotta r-rapport annwali konsolidat tal-attività, id-dokument ta' programmazzjoni, il-baġit annwali, u r-regoli finanzjarji applikabbli għall-Aġenzija. Jenħtieġ li l-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew u l-Istati Membri jkunu rrappreżentati fil-Bord **tat-Tmexxija** sabiex jeżerċitaw b'mod effettiv is-sorveljanza fuqu. Fl-interessi tat-trasparenza, jenħtieġ li l-Kummissjoni taħtar partijiet interessati mingħajr drittijiet tal-vot fil-Bord **tat-Tmexxija**.

Emenda

(13) Jenħtieġ li l-Bord **ta' Tmexxija** tal-Aġenzija jiġi fdat bis-setgħat meħtieġa, b'mod partikolari biex jaħtar id-Direttur Eżekuttiv, il-membri tal-RAC u tal-SEAC u tal-Bord tal-Appell, u biex jadotta r-rapport annwali konsolidat tal-attività, id-dokument ta' programmazzjoni, il-baġit annwali, u r-regoli finanzjarji applikabbli għall-Aġenzija. Jenħtieġ li l-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew u l-Istati Membri jkunu rrappreżentati fil-Bord **ta' Tmexxija** sabiex jeżerċitaw b'mod effettiv is-sorveljanza fuqu. Fl-interessi tat-trasparenza, jenħtieġ li l-Kummissjoni taħtar partijiet interessati mingħajr drittijiet tal-vot fil-Bord **ta' Tmexxija u jenħtieġ li tirrappreżenta firxa wiesgħa ta' oqsma rilevanti ta' għarfien**

espert.

Emenda 6

Proposta għal regolament Premessa 15a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(15a) Ir-rwol tal-Aġenzija bħala punt ta' referenza xjentifiku indipendenti jfisser li opinjoni xjentifika tista' tintalab mhux biss mill-Kummissjoni, iżda wkoll mill-Parlament Ewropew u l-Istati Membri. Sabiex tiġi żgurata l-manigġabbiltà u l-konsistenza tal-proċess ta' konsulenza xjentifika, jenħtieġ li l-Aġenzija tkun tista' tirrifjuta jew tipproponi li temenda talba, u tipprovdi ġustifikazzjoni fil-każ ta' rifjut, abbażi ta' kriterji determinati minn qabel.

Emenda 7

Proposta għal regolament Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(16) L-RAC ipprovda opinjonijiet xjentifiċi dwar l-evalwazzjonijiet tal-Limiti tal-Esponiment Okkupazzjonali ("OELs"), u aspetti oħrajn rilevanti għall-esponiment okkupazzjonali għal sustanzi kimiċi perikolużi bħal valuri ta' limitu bijoloġiċi għal sustanzi kimiċi perikolużi fil-kuntest tal- Artikolu 3 tad-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE¹¹. L-Artikoli 16, 16a u 18a tad-Direttiva 2004/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹² u l-Artikoli 18c u 22a

(16) L-RAC ipprovda opinjonijiet xjentifiċi dwar l-evalwazzjonijiet tal-Limiti tal-Esponiment Okkupazzjonali ("OELs"), u aspetti oħrajn rilevanti għall-esponiment okkupazzjonali għal sustanzi kimiċi perikolużi bħal valuri ta' limitu bijoloġiċi għal sustanzi kimiċi perikolużi fil-kuntest tal- Artikolu 3 tad-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE¹¹. L-Artikoli 16, 16a u 18a tad-Direttiva 2004/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹² u l-Artikoli 18c u 22a

tad-Direttiva 2009/148/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹³ abbażi ta' ftehim ad hoc bejn il-Kummissjoni u l-Aġenzija fil-passat. Billi dan il-kompitu sar prattika tas-soltu u sabiex tiġi kkonsolidata dik il-prattika, jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi li l-RAC jenħtieġ li jipprovdi tali opinjonijiet fuq talba tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-RAC, fuq talba tal-Kummissjoni, jipprovdi opinjonijiet xjentifiċi dwar il-kwistjonijiet l-oħrajn kollha relatati mal-perikli, ir-riskji u l-użu sikur tas-sustanzi kimiċi, waħedhom, f'taħlitiet jew f'oġġetti kif definiti fl-Artikolu 3, il-paragrafi 1, 2 u 3 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006.

¹¹ Id-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE tas-7 ta' April 1998 dwar il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema mir-riskji li għandhom x'jaqsmu mal-aġenti kimiċi fuq il-post tax-xogħol (l-erbatax-il Direttiva individwali fit-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU L 131, 5.5.1998, p. 11, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/1998/24/oj>).

¹² Id-Direttiva 2004/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji relatati mal-espożizzjoni għal karċinoġeni, mutaġeni jew sustanzi reprotossiċi fuq il-post tax-xogħol (is-Sitt Direttiva individwali fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE) (ĠU L 158, 30.4.2004, p. 50, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2004/>

tad-Direttiva 2009/148/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹³ abbażi ta' ftehim ad hoc bejn il-Kummissjoni u l-Aġenzija fil-passat. Billi dan il-kompitu sar prattika tas-soltu u sabiex tiġi kkonsolidata dik il-prattika, jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi li l-RAC jenħtieġ li jipprovdi tali opinjonijiet fuq talba tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-RAC, fuq talba tal-Kummissjoni, ***tal-Parlament Ewropew jew tal-Istati Membri***, jipprovdi opinjonijiet xjentifiċi dwar il-kwistjonijiet l-oħrajn kollha relatati mal-perikli, ir-riskji u l-użu sikur tas-sustanzi kimiċi, waħedhom, f'taħlitiet jew f'oġġetti kif definiti fl-Artikolu 3, il-paragrafi 1, 2 u 3 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006.

¹¹ Id-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE tas-7 ta' April 1998 dwar il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema mir-riskji li għandhom x'jaqsmu mal-aġenti kimiċi fuq il-post tax-xogħol (l-erbatax-il Direttiva individwali fit-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU L 131, 5.5.1998, p. 11, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/1998/24/oj>).

¹² Id-Direttiva 2004/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji relatati mal-espożizzjoni għal karċinoġeni, mutaġeni jew sustanzi reprotossiċi fuq il-post tax-xogħol (is-Sitt Direttiva individwali fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE) (ĠU L 158, 30.4.2004, p. 50, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2004/>

37/oj).

¹³ Id-Direttiva 2009/148/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji konnessi mal-espożizzjoni għall-asbestos fuq ix-xogħol (ĠU L 330, 16.12.2009, p. 28, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2009/148/oj>).

Emenda 8

Proposta għal regolament Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni

(18) Jenħtieġ li l-Bord ***tat-Tmexxija*** jadotta r-regoli ta' proċedura tal-RAC, tal-SEAC, tal-MSA, tal-BPC u tal-SCCS, inklużi l-arranġamenti proċedurali għall-gruppi ta' ħidma tal-Kumitat. Sabiex il-Kummissjoni teżerċita s-sorveljanza tagħha, jenħtieġ li r-rappreżentanti tal-Kummissjoni fil-Bord ***tat-Tmexxija japprovaw ir-regoli*** ta' proċedura, ***mingħajr ma jikkompromettu*** l-indipendenza tal-Kumitat u tal-gruppi ta' ħidma tagħhom.

Emenda 9

Proposta għal regolament Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni

(19) Jenħtieġ li l-opinjoni jiet tal-RAC u tal-SEAC ikunu bbażati fuq l-usa' għarfien espert xjentifiku u tekniku possibbli disponibbli fl-Unjoni. Għal dan il-għan,

37/oj).

¹³ Id-Direttiva 2009/148/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji konnessi mal-espożizzjoni għall-asbestos fuq ix-xogħol (ĠU L 330, 16.12.2009, p. 28, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2009/148/oj>).

Emenda

(18) Jenħtieġ li l-Bord ***ta' Tmexxija*** jadotta r-regoli ta' proċedura tal-RAC, tal-SEAC, tal-MSA, tal-BPC u tal-SCCS, inklużi l-arranġamenti proċedurali għall-gruppi ta' ħidma tal-Kumitat. Sabiex il-Kummissjoni teżerċita s-sorveljanza tagħha, jenħtieġ li r-rappreżentanti tal-Kummissjoni fil-Bord ***ta' Tmexxija jiġu kkonsultati mid-Direttur Eżekuttiv meta jħejju r-regoli*** ta' proċedura ***tal-RAC, tal-SEAC u tal-SCCS, filwaqt li tinżamm*** l-indipendenza tal-Kumitat u tal-gruppi ta' ħidma tagħhom.

Emenda

(19) Jenħtieġ li l-opinjoni jiet tal-RAC u tal-SEAC ikunu bbażati fuq l-usa' għarfien espert xjentifiku u tekniku possibbli disponibbli fl-Unjoni. Għal dan il-għan ***u biex***

jenħtieġ li kull Stat Membru jinnomina żewġ membri għall-RAC u għall-SEAC, rispettivament, u **jenħtieġ li** jkun intitolat li jinnomina sa żewġ membri addizzjonali. Jenħtieġ li l-RAC, l-SEAC, il-BPC u l-SCCS ikollhom il-possibbiltà li jikkooptjaw il-membri u li jiddependu fuq is-servizzi tal-esperti, filwaqt li jqisu l-ammont ta' xogħol, it-tip ta' għarfien espert meħtieġ u d-disponibbiltà tar-riżorsi finanzjarji.

jiġi żgurat li l-RAC u l-SEAC ikunu kompletament operazzjonali, huwa essenzjali li kull Stat Membru jinnomina żewġ membri għall-RAC u għall-SEAC rispettivament u jkun intitolat li jinnomina sa żewġ membri addizzjonali. Jenħtieġ li l-RAC, l-SEAC, il-BPC u l-SCCS ikollhom il-possibbiltà li jikkooptjaw il-membri u li jiddependu fuq is-servizzi tal-esperti, filwaqt li jqisu l-ammont ta' xogħol, it-tip ta' għarfien espert meħtieġ, **il-bilanċ ġeografiku** u d-disponibbiltà tar-riżorsi finanzjarji. **Il-membri tal-kumitat jenħtieġ li jirriflettu l-għarfien espert meħtieġ biex jissodisfaw b'mod xieraq il-kompiti allokat li lill-Aġenzija. L-Aġenzija jenħtieġ li tkun tista' tassisti lill-Istati Membri biex jidentifikaw il-profilu rilevanti għas-sħubija tal-RAC, tal-SEAC u tal-BPC, fejn l-Istati Membri jitolbu dan.**

Emenda 10

Proposta għal regolament Premessa 21a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(21a) Jenħtieġ li l-Aġenzija tistabbilixxi Assemblée ta' partijiet ikkonċernati akkreditati li jenħtieġ li jkollha l-għan li ssaħħaħ ir-relazzjoni mal-partijiet ikkonċernati akkreditati, u tiffaċilita l-kontribuzzjoni tagħhom għall-kompiti tal-Aġenzija filwaqt li tiżgura rappreżentanza bbilanċjata bejn ir-rappreżentanti tal-industrija u r-rappreżentanti

tas-soċjetà ċivili.

Emenda 11

Proposta għal regolament Premessa 21b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(21b) Sabiex tissaħħaħ il-kooperazzjoni xjentifika u tiġi appoġġata l-ħidma tal-Aġenzija, huwa meħtieġ li jiġi promoss in-networking tal-awtoritajiet nazzjonali, tal-aġenziji u tal-istituti tar-riċerka li joperaw f'oqsma ta' kompetenza tal-mandat tal-Aġenzija. Dan in-networking għandu l-għan li jrawwem l-iskambju ta' informazzjoni, il-koordinazzjoni ta' attivitajiet u l-iżvilupp ta' proġetti konġunti, kif ukoll il-kondiviżjoni ta' għarfien espert u l-aħjar prattiki. Biex jinkiseb dan, jenħtieġ li titfassal lista tal-awtoritajiet nazzjonali, l-aġenziji u l-istituti tar-riċerka deżinjati mill-Istati Membri, li tippermetti lil dawk l-awtoritajiet nazzjonali, l-aġenziji u l-istituti tar-riċerka jassistu lill-Aġenzija b'kompiti bħall-ħidma preparatorja għal opinjonijiet xjentifiċi, il-ġbir ta' data u l-identifikazzjoni ta' riskji emerġenti.

Emenda 12

Proposta għal regolament Premessa 23a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(23a) Ammont ta' xogħol addizzjonali li jirriżulta minn żieda fil-kompiti u r-responsabbiltajiet allokat li lill-Aġenzija jenħtieġ li jiġi akkumpanjat mill-allokkazzjoni ta' finanzjament xieraq għall-persunal u kostijiet meħtieġa oħra. Bħala parti mill-abbozz tad-dokument uniku ta' programmazzjoni, il-Bord ta' Tmexxija jenħtieġ li jwettaq valutazzjoni tal-adegwatezza tar-riżorsi finanzjarji u umani tiegħu biex iwettaq il-kompiti attwali u futuri tiegħu.

Emenda 13

Proposta għal regolament Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni

(25) L-Aġenzija esperjenzat diffikultajiet biex tipprevedi b'mod akkurat l-introjt mit-tariffi u mill-imposti anke bl-aktar tekniki statistiċi avvanzati minħabba n-nuqqas ta' informazzjoni dwar il-fatturi ewlenin tad-domanda mid-detenturi tad-doveri. Dan iħalli impatt fuq l-operazzjonijiet tal-Aġenzija u jeħtieġ emendi rikorrenti għall-baġit mill-Bord **tat-Tmexxija**. Għalhekk, jenħtieġ li l-Aġenzija titħalla toħloq riżerva mill-bilanċ pożittiv tad-dħul tagħha mit-tariffi u mill-imposti, soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament. Dan se jippermetti lill-Aġenzija ttaffi l-konsegwenzi ta' varjazzjoni kbira fl-introjt mit-tariffi u mill-imposti. B'mod speċifiku, il-ħolqien ta' tali riżerva se jippermetti lill-Aġenzija żżid is-sostenibbiltà tal-mudell ta'

Emenda

(25) L-Aġenzija esperjenzat diffikultajiet biex tipprevedi b'mod akkurat l-introjt mit-tariffi u mill-imposti anke bl-aktar tekniki statistiċi avvanzati minħabba n-nuqqas ta' informazzjoni dwar il-fatturi ewlenin tad-domanda mid-detenturi tad-doveri. **L-Aġenzija timpenja ruħha li ttejjeb kontinwament il-metodi ta' tbassir tagħha**. Dan iħalli impatt fuq l-operazzjonijiet tal-Aġenzija u jeħtieġ emendi rikorrenti għall-baġit mill-Bord **ta' Tmexxija**. Għalhekk, jenħtieġ li l-Aġenzija titħalla toħloq riżerva mill-bilanċ pożittiv tad-dħul tagħha mit-tariffi u mill-imposti, soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament. Dan se jippermetti lill-Aġenzija ttaffi l-konsegwenzi ta' varjazzjoni kbira fl-introjt mit-tariffi u mill-imposti. B'mod speċifiku, il-ħolqien ta' tali riżerva

finanzjament tagħha mingħajr preġudizzju għall-kontribuzzjoni annwali tal-Unjoni u għall-programmazzjoni finanzjarja pluriennali. Jenħtieġ li r-regoli dettaljati dwar il-parametri, il-kalkolu u l-operat tar-riżerva jiġu stabbiliti fir-regoli finanzjarji tal-Aġenzija u jenħtieġ li jinkludu r-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament. Il-kalkolu tal-ammont tal-kontribuzzjoni annwali għar-riżerva jew tal-ammont magħmul disponibbli mir-riżerva, li għandu jiġi inkluż fl-abbozz tal-baġit tal-Aġenzija, jenħtieġ li jsegwi metodoloġija applikata b'mod mekkaniku mill-Aġenzija kull sena.

se jippermetti lill-Aġenzija żżid is-sostenibbiltà tal-mudell ta' finanzjament tagħha mingħajr preġudizzju għall-kontribuzzjoni annwali tal-Unjoni u għall-programmazzjoni finanzjarja pluriennali. Jenħtieġ li r-regoli dettaljati dwar il-parametri, il-kalkolu u l-operat tar-riżerva jiġu stabbiliti fir-regoli finanzjarji tal-Aġenzija u jenħtieġ li jinkludu r-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament. Il-kalkolu tal-ammont tal-kontribuzzjoni annwali għar-riżerva jew tal-ammont magħmul disponibbli mir-riżerva, li għandu jiġi inkluż fl-abbozz tal-baġit tal-Aġenzija, jenħtieġ li jsegwi metodoloġija applikata b'mod mekkaniku mill-Aġenzija kull sena. ***L-istabiliment ta' tali riżerva għal aġenzija parzjalment awtofinanzjata tal-UE li topera fl-ambitu tal-mudell baġitarju universali huwa każ uniku u ma jgħoddx preċedent għal aġenziji oħra tal-UE.***

Emenda 14

Proposta għal regolament Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni

(26) Sabiex ikunu jistgħu jiġu indirizzati l-varjazzjonijiet kbar fid-dħul tal-Aġenzija mit-tariffi, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) fir-rigward tal-emendar tal-kundizzjonijiet speċifiċi definiti għar-riżerva. Huwa partikolarment

Emenda

imħassar

importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet²⁰. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għall-aqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

²⁰ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1, ELI:
http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2016/512/oj.

Emenda 15

Proposta għal regolament Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni

(31) Jenħtieġ li l-Aġenzija tkompli taqdi rwol attiv fir-riċerka u l-innovazzjoni, filwaqt li tassisti lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni fil-promozzjoni tas-sostituzzjoni tal-aktar sustanzi kimiċi dannużi u fl-iżvilupp ta' metodi xjentifiċi, b'mod partikolari approċċi li ma jinvolvux l-annimali, biex tivvaluta l-perikli tas-sustanzi kimiċi, kif ukoll ir-riskji u l-impatti

Emenda

(31) Jenħtieġ li l-Aġenzija tkompli taqdi rwol attiv fir-riċerka u l-innovazzjoni, filwaqt li tassisti lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni fil-promozzjoni tas-sostituzzjoni tal-aktar sustanzi kimiċi dannużi u **ta' sustanzi kimiċi perikolużi oħra, u ta' gruppi tagħhom, u** fl-iżvilupp ta' metodi xjentifiċi, b'mod partikolari approċċi li ma jinvolvux l-annimali **u**

soċjoekonomiċi tal-użu tagħhom.

metodoloġiji emerġenti, biex tivvaluta l-perikli tas-sustanzi kimiċi **u tal-gruppi ta' sustanzi kimiċi**, kif ukoll ir-riskji u l-impatti soċjoekonomiċi tal-użu tagħhom. **Fejn xieraq, l-Aġenzija jenħtieġ li tikkontribwixxi għar-riċerka dwar ir-rabtiet bejn l-esponiment għal sustanzi kimiċi perikolużi u l-impatti negattivi fuq is-saħħa fil-qasam tal-espożomija, il-kumpilazzjoni integrata tal-fatturi fiżiċi, kimiċi, bijoloġiċi u psikosoċjali kollha, u l-interazzjonijiet tagħhom, li għandhom impatt fuq il-bijoloġija u s-saħħa.**

Emenda 16

Proposta għal regolament Premessa 31a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(31a) Kollaborazzjoni msaħħa bejn l-aġenziji tal-Unjoni jista' jkollha rwol kritiku billi tiżgura li tkun allinjata l-evidenza xjentifika, l-għarfien isir aktar aċċessibbli għall-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, tingħata direzzjoni strateġika għal finanzjament tar-riċerka tal-Unjoni, u jiġi ffaċilitat l-involvement ma' proġetti li għaddejjin tar-riċerka u l-innovazzjoni. It-task force Saħħa Waħda bejn l-aġenziji stabbilita fl-2023 mill-Aġenzija, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA), l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA), iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll

tal-Mard (ECDC) u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA), uriet li kienet inizjattiva ta' suċċess biex issaħħaħ il-kooperazzjoni transdixxiplinari bejn il-ħames aġenziji tal-Unjoni sabiex tgħinhom jindirizzaw aħjar l-isfidi għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali, tal-pjanti u dik ambjentali u jikkontribwixxu b'suċċess għall-implimentazzjoni tal-approċċ "Saħħa Waħda" fl-Ewropa. Peress li dik l-inizjattiva waslet biex tintemm fl-2026, dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi forma aktar permanenti u stabbilita ta' kooperazzjoni transdixxiplinari b'task force permanenti bl-għan li jibni fuq il-ħidma tat-task force Saħħa Waħda u jwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-ħidma tagħha għal approċċi oħra, bħall-espożoma, li tinkludi wkoll il-qafas Sistema Waħda, u jipprevedi approċċ olistiku u bbażat fuq is-sistemi favur valutazzjoni tar-riskju ambjentali tas-sustanzi kimiċi. L-EU-OSHA għandha tiġi inkluża wkoll f'dan il-qafas permanenti. L-aġenziji li jiffurmaw it-task force jenħtieġ li jistabbilixxu viżjoni komuni u l-oġettivi għal dik it-task force, u jaħdmu lejn forma aktar permanenti u stabbilita ta' kooperazzjoni transdixxiplinari bejn daww il-aġenziji tal-Unjoni. Jenħtieġ li jkunu jistgħu jippjanaw azzjonijiet koordinati u jwessgħu l-kamp ta' applikazzjoni tal-kooperazzjoni tagħhom permezz ta' pjanijiet ta' azzjoni annwali.

Emenda 17

Proposta għal regolament Premessa 37a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(37a) L-implikazzjonijiet ta' dan ir-Regolament fuq il-baġit tal-Unjoni ġew ivvalutati^{1a} skont l-Artikolu 310(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Jenħtieġ li jiġu previsti biżżejjed riżorsi finanzjarji u umani għall-implimentazzjoni tiegħu, filwaqt li jitqies l-impatt tal-finanzjament fuq programmi jew politiki oħra tal-Unjoni u tiġi żgurata l-kompatibbiltà tiegħu mal-qafas finanzjarju pluriennali, is-sistema tar-riżorsi proprji u l-ftehim interistituzzjonali korrispondenti, kif ukoll mal-prinċipji baġitarji stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1b}.

^{1a} Pro memoria: Valutazzjoni baġitarja tal-Kumitat għall-Baġits tal-Parlament Ewropew ta' (XX) 2026 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1907/2006, (UE) Nru 528/2012, (UE) Nru 649/2012 u (UE) 2019/1021 (COM(2025)0386).

^{1b} Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru

2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj>).

Emenda 18

Proposta għal regolament Artikolu 3 - paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-Aġenzija għandu jkollha s-sede tagħha f'Ħelsinki, il-Finlandja, **kif deċiż mill-Ftehim Komuni bejn ir-Rappreżentanti tal-Istati Membri tat-13 ta' Diċembru 2003 (2004/97/KE, Euratom)²⁵.**

²⁵ 2004/97/KE, Euratom: **Deċiżjoni meħuda permezz ta' ftehim komuni bejn ir-Rappreżentanti tal-Istati Membri, li ltaqgħu fil-livell tal-Kap tal-Istat jew tal-Gvern fit-13 ta' Diċembru 2003 dwar il-post tas-sedi ta' ċerti uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 29, 3.2.2004, p. 15, ELI: [http://data.europa.eu/eli/dec/2004/97\(1\)/oj](http://data.europa.eu/eli/dec/2004/97(1)/oj)).**

Emenda 19

Proposta għal regolament Artikolu 4 - paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Aġenzija għandha tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni u l-infurzar tal-leġislazzjoni u l-politiki tal-Unjoni relatati mal-perikli, ir-riskji **u** l-użu sikur ta' sustanzi, taħlitiet u

Emenda

L-Aġenzija għandu jkollha s-sede tagħha f'Ħelsinki, il-Finlandja.

Emenda

1. L-Aġenzija għandha tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni u l-infurzar tal-leġislazzjoni u l-politiki tal-Unjoni relatati mal-perikli, ir-riskji, l-użu sikur **u s-sostenibbiltà**

oġġetti kimiċi, tipprovdi opinjonijiet u pariri xjentifiċi u informazzjoni indipendenti dwar il-kwistjonijiet kollha f'dak il-qasam u tikkomunika dwar dawk il-kwistjonijiet.

ambjentali ta' sustanzi, taħlitiet u oġġetti kimiċi, tipprovdi opinjonijiet u pariri xjentifiċi u informazzjoni indipendenti dwar il-kwistjonijiet kollha f'dak il-qasam, **timmonitorja riskji kimiċi emerġenti u tiġbor jew tiġġenera data dwar is-sustanzi kimiċi**, u tikkomunika dwar dawk il-kwistjonijiet.

Emenda 20

Proposta għal regolament Artikolu 4 - paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Fit-twettiq tal-oġġettivi tagħha, l-Aġenzija **għandu jkollha l-għan li** tikkontribwixxi **għal** livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, **għaċ-ċirkolazzjoni libera** ta' **sustanzi fis-suq intern u għall-koerenza** u l-konsistenza fil-valutazzjoni u l-ġestjoni tas-sustanzi kimiċi madwar l-Unjoni, filwaqt li **ssaħħaħ il-kompetittività** u l-innovazzjoni, billi tqis il-ħtiġijiet speċifiċi tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju ("SMEs") kif definiti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju²⁶ u tippromwovi **alternattivi għall-ittestjar fuq l-annimali**.

Emenda

2. Fit-twettiq tal-oġġettivi tagħha, l-Aġenzija **għandha** tikkontribwixxi **għall-iżgurar ta'** livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, **inkluża l-protezzjoni ta' gruppi vulnerabbli. L-Aġenzija għandu jkollha l-għan li tipprovdi l-kwalità, il-koerenza** u l-konsistenza fil-valutazzjoni u l-ġestjoni tas-sustanzi kimiċi madwar l-Unjoni **u dan huwa kruċjali biex tiġi żgurata ċ-ċirkolazzjoni libera tas-sustanzi fis-suq intern**, filwaqt li **tikkontribwixxi għat-tiżbiħ tal-kompetittività** u l-innovazzjoni, billi tqis il-ħtiġijiet speċifiċi tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju ("SMEs") kif definiti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju²⁶ u tippromwovi **u ssaħħaħ l-għarfien espert fis-sostituzzjoni ta' sustanzi kimiċi dannużi u ta' gruppi ta' sustanzi kimiċi dannużi kif ukoll l-iżvilupp, u l-użu ta' approċċi li ma jinvolvox l-**

annimali u ta' metodoloġiji emerġenti.

²⁶ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 li tikkonċerna d-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reco/2003/361/oj>)

²⁶ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 li tikkonċerna d-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reco/2003/361/oj>)

Emenda 21

**Proposta għal regolament
Artikolu 4 - paragrafu 5- punt b**

Test propost mill-Kummissjoni

(b) tipprovdi appoġġ tekniku u xjentifiku, gwida, għodod tal-IT u infrastruttura diġitali għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-infurzar ta' dan ir-Regolament u l-leġiżlazzjoni settorjali tal-Unjoni, filwaqt li tqis il-ħtiġijiet speċifiċi tal-SMEs u ***l-għan*** li l-ittestjar fuq l-annimali jiġi sostitwit ***b'alternattivi***, fejn dan ikun xjentifikament possibbli;

Emenda

(b) tipprovdi appoġġ tekniku u xjentifiku, gwida, għodod tal-IT u infrastruttura diġitali għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-infurzar ta' dan ir-Regolament u l-leġiżlazzjoni settorjali tal-Unjoni, filwaqt li tqis ***l-oġettivi li jiġi żgurati livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, l-istandards tas-saħħa okkupazzjonali***, il-ħtiġijiet speċifiċi tal-SMEs u ***r-rekwiżiti*** li l-ittestjar fuq l-annimali jiġi sostitwit ***b'approċċi li ma jinvolvu l-annimali***, fejn dan ikun xjentifikament possibbli;

Emenda 22

**Proposta għal regolament
Artikolu 4 - paragrafu 5 - punt ga (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ga) tiżgura li l-kunflitti ta' interess jiġu pprevenuti jew ġestiti, sabiex jiġu żgurati l-

***indipendenza u l-kredibbiltà
tagħha mal-partijiet
ikkonċernati u mal-pubbliku
ġenerali;***

Emenda 23

**Proposta għal regolament
Artikolu 4 - paragrafu 5 - punt ka (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

***(ka) fuq talba tal-Parlament
Ewropew u l-Istati Membri,
tipprovdi opinjonijiet xjentifiċi
u assistenza teknika f'qasam li
jaqqa' taħt il-kompetenza
tagħha;***

Emenda 24

**Proposta għal regolament
Artikolu 4 - paragrafu 5 - punt kb (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

***(kb) tipprovdi taħriġ annwali
għall-persunal u l-membri tal-
kumitat u tikkondividi l-
għarfien mal-partijiet
ikkonċernati kollha.***

Emenda 25

**Proposta għal regolament
Artikolu 4 - paragrafu 5a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

***5a. It-talbiet riċevuti skont
il-paragrafu 5, il-punti (c), (d),
(e), (k) u (ka), ta' dan l-
Artikolu u skont l-
Artikolu 13(2), il-punt (b), kif
ukoll aġġornament regolari
dwar l-istatus tagħhom,
għandhom ikunu disponibbli***

għall-pubbliku fuq is-sit web tal-Aġenzija.

Emenda 26

Proposta għal regolament Artikolu 5 - paragrafu 1 - punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) Kumitat għall-Valutazzjoni tar-Riskju ("RAC"), li għandu jkun responsabbli għat-tħejjija ta' opinjonijiet tal-Aġenzija relatati ***mar-riskji*** ta' sustanzi kimiċi għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent;

Emenda

(c) Kumitat għall-Valutazzjoni tar-Riskju ("RAC"), li għandu jkun responsabbli għat-tħejjija ta' opinjonijiet tal-Aġenzija relatati ***mal-perikli u r-riskji*** ta' sustanzi kimiċi għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent;

Emenda 27

Proposta għal regolament Artikolu 5 - paragrafu 1 - punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) Kumitat għall-Analiżi Soċjoekonomika ("SEAC"), li għandu jkun responsabbli għat-tħejjija tal-opinjonijiet tal-Aġenzija relatati mal-impatt soċjoekonomiku ta' miżuri leġiżlattivi possibbli dwar is-sustanzi;

Emenda

(d) Kumitat għall-Analiżi Soċjoekonomika ("SEAC"), li għandu jkun responsabbli għat-tħejjija tal-opinjonijiet tal-Aġenzija relatati mal-impatt soċjoekonomiku ta' miżuri leġiżlattivi possibbli dwar is-sustanzi ***kimiċi***;

Emenda 28

Proposta għal regolament Artikolu 5 - paragrafu 1 - punt ħa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ħa) Assemblea ta' partijiet ikkonċernati akkreditati, kif stabbilita fl-Artikolu 41a, li għandha l-għan li ssaħħaħ ir-relazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati akkreditati u l-

Aġenzija, u tiffaċilita l-kontribuzzjoni tagħhom għall-kompiti tal-Aġenzija;

Emenda 29

Proposta għal regolament Artikolu 5 - paragrafu 1 - punt i

Test propost mill-Kummissjoni

(i) Segretarjat, li għandu jaħdem taħt it-tmexxija tad-Direttur Eżekuttiv u jwettaq il-ħidma meħtieġa mill-Aġenzija f'konformità mal-leġiżlazzjoni settorjali tal-Unjoni, jipprovdi appoġġ tekniku, xjentifiku u amministrattiv lill-Kumitati u lill-Forum, u jiżgura koordinazzjoni xierqa bejniethom;

Emenda

(i) Segretarjat, li għandu jaħdem taħt it-tmexxija tad-Direttur Eżekuttiv u jwettaq il-ħidma meħtieġa mill-Aġenzija f'konformità mal-leġiżlazzjoni settorjali tal-Unjoni, jipprovdi appoġġ tekniku, xjentifiku u amministrattiv, ***bini tal-kapaċitajiet u taħriġ***, lill-Kumitati u lill-Forum, u jiżgura koordinazzjoni xierqa bejniethom;

Emenda 30

Proposta għal regolament Artikolu 6 - paragrafu 1 - punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) żewġ ***esperti*** maħtura mill-Parlament Ewropew.

Emenda

(c) żewġ ***persuni indipendenti*** maħtura mill-Parlament Ewropew, ***dawk il-persuni għandhom ikunu indipendenti fit-twettiq ta' dmirijiethom u la għandhom ifittxu u lanqas jieħdu iSTRUZZJONIJET mingħand xi istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija tal-Unjoni, u lanqas minn xi gvern jew minn xi korp pubbliku jew privat ieħor.***

Emenda 31

Proposta għal regolament Artikolu 6 - paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Ir-rappreżentanti tal-Istati Membri, ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni u ***l-esperti*** maħtura mill-Parlament Ewropew għandu jkollhom drittijiet tal-vot. Il-persuni li jirrappreżentaw il-partijiet interessati, maħtura mill-Kummissjoni, ma għandux ikollhom drittijiet tal-vot.

Emenda

2. Ir-rappreżentanti tal-Istati Membri, ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni u ***l-persuni indipendenti*** maħtura mill-Parlament Ewropew għandu jkollhom drittijiet tal-vot. Il-persuni li jirrappreżentaw il-partijiet interessati, maħtura mill-Kummissjoni, ma għandux ikollhom drittijiet tal-vot.

Emenda 32

**Proposta għal regolament
Artikolu 6 - paragrafu 3 - punt b**

Test propost mill-Kummissjoni

(b) it-trade unions;

Emenda

(b) it-trade unions, ***inklużi s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol***;

Emenda 33

**Proposta għal regolament
Artikolu 6 - paragrafu 3 - punt da (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) approċċi li ma jinvolvux l-annimali;

Emenda 34

**Proposta għal regolament
Artikolu 6 - paragrafu 4**

Test propost mill-Kummissjoni

4. Il-membri tal-Bord ***tat-Tmexxija*** għandhom jinħatru abbażi tal-għarfien u l-esperjenza rilevanti tagħhom fil-qasam tas-sikurezza kimika jew tar-

Emenda

4. Il-membri tal-Bord ***ta' Tmexxija*** għandhom jinħatru abbażi tal-għarfien u l-esperjenza rilevanti tagħhom fil-qasam tas-sikurezza kimika jew tar-

regolamentazzjoni tas-sustanzi kimiċi, filwaqt li **jitqiesu l-*ħiliet*** maniġerjali, amministrattivi u baġitarji rilevanti. F'konformità mal-prinċipju ta' trattament ugwali ***bejn l-irġiel u n-nisa***, il-partijiet kollha li jinnominaw u jaħtru l-membri tal-Bord ***tat-Tmexxija*** għandu jkollhom l-għan li jiksibu bilanċ bejn il-ġeneri fil-Bord ***tat-Tmexxija***. Il-membri, il-membri supplenti u l-osservaturi tal-Kumitati u l-Forum jew il-gruppi ta' ħidma tagħhom ma għandhomx ikunu eliġibbli biex isiru membri tal-Bord ***tat-Tmexxija***.

Emenda 35

Proposta għal regolament Artikolu 6 - paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

regolamentazzjoni tas-sustanzi kimiċi, filwaqt li **jikkunsidraw b'mod xieraq il-*ħiliet*** maniġerjali, amministrattivi u baġitarji rilevanti ***tagħhom***. F'konformità mal-prinċipju ta' trattament ugwali ***tal-ġeneri kollha***, il-partijiet kollha li jinnominaw u jaħtru l-membri tal-Bord ***ta' Tmexxija*** għandu jkollhom l-għan li jiksibu bilanċ bejn il-ġeneri fil-Bord ***ta' Tmexxija***. Il-membri, il-membri supplenti u l-osservaturi tal-Kumitati u l-Forum jew il-gruppi ta' ħidma tagħhom ma għandhomx ikunu eliġibbli biex isiru membri tal-Bord ***ta' Tmexxija***.

Emenda

4a. Il-membri tal-Bord ta' Tmexxija għandhom jiġu nnominati u maħtura f'konformità mar-regoli dwar il-kunflitti ta' interess adottati mill-Bord ta' Tmexxija skont l-Artikolu 9(1), il-punt (e).

Emenda 36

Proposta għal regolament Artikolu 6 - paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. Il-membri tal-Bord ***tat-Tmexxija*** għandhom jaġixxu esklussivament fl-interessi tal-Aġenzija.

Emenda

6. Il-membri tal-Bord ***ta' Tmexxija*** għandhom jaġixxu esklussivament fl-interessi tal-Aġenzija ***u tal-Unjoni***.

Emenda 37

Proposta għal regolament Artikolu 9 - paragrafu 1 - punt s

Test propost mill-Kummissjoni

(s) jadotta r-regoli ta' proċedura tal-Kumitati, **u** tal-Forum **dwar il-proposta tal-Forum f'konformità mal-Artikolu 17(5);**

Emenda

(s) jadotta r-regoli ta' proċedura tal-Kumitati, tal-Forum **u tal-Assemblea tal-partijiet ikkonċernati;**

Emenda 38

Proposta għal regolament Artikolu 9 - paragrafu 1 - punt y

Test propost mill-Kummissjoni

(y) jadotta l-arranġamenti prattiċi għall-konformità mar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁸, inklużi l-appelli jew irrimedji meħtieġa għar-rieżami ta' rifjut parzjali jew sħiħ ta' talba għall-kunfidenzjalità;

Emenda

(y) jadotta l-arranġamenti prattiċi għall-konformità mar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁸, inklużi l-appelli jew irrimedji meħtieġa għar-rieżami ta' rifjut parzjali jew sħiħ ta' talba għall-kunfidenzjalità **kif imsemmi fl-Artikolu 37a;**

²⁸ Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2001/1049/oj>).

²⁸ Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2001/1049/oj>).

Emenda 39

Proposta għal regolament Artikolu 10 - paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Fil-każ li l-Kummissjoni tqajjem tħassib serju dwar proposta għal deċiżjoni ppreżentata lill-Bord ***tat-Tmexxija*** dwar kwistjonijiet relatati mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715²⁹ dwar ir-Regolament finanzjarju qafas għall-aġenziji regolatorji deċentralizzati jew għar-Regolamenti tal-Persunal u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tar-Regolament Nru 31 (KEE), 11 (KEEA), il-Bord ***tat-Tmexxija*** għandu jipposponi l-adozzjoni tad-deċiżjoni. Fi żmien 15-il jum, il-Bord ***tat-Tmexxija*** għandu jerġa' jeżaminaha u jadottaha, possibbilment emendata, fit-tieni qari, ***jew b'maġġoranza ta' żewġ terzi, inklużi r-rappreżentanti tal-Kummissjoni, jew b'maġġoranza ta' erbgħa minn kull ħamsa tar-rappreżentanti tal-Istati Membri.***

²⁹ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2019/715/oj).

Emenda 40

Proposta għal regolament Artikolu 12 - paragrafu 3

Emenda

3. Fil-każ li l-Kummissjoni tqajjem tħassib serju dwar proposta għal deċiżjoni ppreżentata lill-Bord ***ta' Tmexxija*** dwar kwistjonijiet relatati mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715²⁹ dwar ir-Regolament finanzjarju qafas għall-aġenziji regolatorji deċentralizzati jew għar-Regolamenti tal-Persunal u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tar-Regolament Nru 31 (KEE), 11 (KEEA), il-Bord ***ta' Tmexxija*** għandu jipposponi l-adozzjoni tad-deċiżjoni. Fi żmien 15-il jum, il-Bord ***ta' Tmexxija*** għandu jerġa' jeżaminaha u jadottaha, possibbilment emendata, fit-tieni qari.

²⁹ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2019/715/oj).

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Kummissjoni u tal-Bord tat-Tmexxija, id-Direttur Eżekuttiv għandu jkun indipendenti fit-twettiq ta' dmirijietu u la għandu jfittex u lanqas jieħu struzzjonijiet minn xi istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija tal-Unjoni, u lanqas minn xi gvern jew minn xi korp pubbliku u privat ieħor. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jirrapporta lill-Parlament Ewropew jew lill-Kunsill dwar it-twettiq tal-kompiti skont dan ir-Regolament meta jiġi mistieden jagħmel dan mill-istituzzjoni rispettiva.

(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)

Emenda 41

**Proposta għal regolament
Artikolu 12 - paragrafu 5 - punt d**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(d) jiżgura l-issodisfar tal-limiti ta' żmien stipulati fil-leġiżlazzjoni settorjali tal-Unjoni għall-adozzjoni ta' opinjonijiet mill-Aġenzija u mill-Kumitati;

(d) jiżgura l-issodisfar tal-limiti ta' żmien stipulati fil-leġiżlazzjoni settorjali tal-Unjoni għall-adozzjoni ta' opinjonijiet mill-Aġenzija u mill-Kumitati ***u l-indipendenza ta' dawk l-opinjonijiet;***

Emenda 42

**Proposta għal regolament
Artikolu 12 - paragrafu 5 - punt e**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(e) jiżgura koordinazzjoni xierqa u f'waqtha bejn il-korpi differenti fi ħdan l-Aġenzija, inkluż fir-rigward ta' diverġenza potenzjali bejn l-opinjonijiet

(e) jiżgura koordinazzjoni xierqa u f'waqtha bejn il-korpi differenti fi ħdan l-Aġenzija, inkluż fir-rigward ta' diverġenza potenzjali bejn l-opinjonijiet

xjentifiċi tagħhom, ***f'konformità mal-Artikolu 45;***

xjentifiċi tagħhom;

Emenda 43

**Proposta għal regolament
Artikolu 12 - paragrafu 5 - punt ea (ġdid)**

Test proposit mill-Kummissjoni

Emenda

(ea) jiżgura koordinazzjoni xierqa u f'waqtha ma' korpi oħra tal-Unjoni, inkluż fir-rigward ta' diverġenza potenzjali ta' opinjoni xjentifika kif imsemmi fl-Artikolu 45;

Emenda 44

**Proposta għal regolament
Artikolu 12 - paragrafu 5 - punt ħa (ġdid)**

Test proposit mill-Kummissjoni

Emenda

(ħa) jiżgura rispons xieraq u f'waqtu għal rapporti ta' tentattivi biex issir pressjoni jew tentattivi ta' influwenza mhux dovuta li jsiru skont l-Artikolu 19(3a); rekord ta' dawk ir-rapporti u r-rispons kollha għandu jiġi inkluż fir-rapport annwali tal-attività msemmi fil-punt (q) ta' dan il-paragrafu; bl-anonimizzazzjoni ta' dawk li rrapportaw;

Emenda 45

**Proposta għal regolament
Artikolu 12 - paragrafu 5 - punt pa (ġdid)**

Test proposit mill-Kummissjoni

Emenda

(pa) jaħtar ir-rappreżentant tal-Aġenzija għat-task force kif

imsemmi fl-Artikolu 44;

Emenda 46

**Proposta għal regolament
Artikolu 12 - paragrafu 6a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

6a. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jiżgura post tax-xogħol san mill-aspett psikoloġiku billi jikkunsidra kif xieraq il-miżuri ta' beneficiċċju għas-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol.

Emenda 47

**Proposta għal regolament
Artikolu 13 - paragrafu 2 - punt b**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) il-kwistjonijiet l-oħrajn kollha li mhumie x diġà koperti mill-paragrafu 1 jew mill-paragrafu 2(a), relatati mal-perikli, ir-riskji u l-użu sikur ta' sustanzi ***kimiċi***, waħedhom, f'taħlitiet jew f'oġġetti kif definiti fl-Artikolu 3, il-paragrafi 1, 2 u 3 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006.

(b) il-kwistjonijiet l-oħrajn kollha li mhumie x diġà koperti mill-paragrafu 1 jew mill-paragrafu 2(a), relatati mal-perikli, ir-riskji u l-użu sikur ta' sustanzi, waħedhom, f'taħlitiet jew f'oġġetti kif definiti fl-Artikolu 3, il-paragrafi 1, 2 u 3 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006.

Emenda 48

**Proposta għal regolament
Artikolu 13 - paragrafu 2a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Minbarra l-kompiti msemmija fil-paragrafu 1, il-Kumitati għandhom, fuq talba tad-Direttur Eżekuttiv:

(a) jipprovdu appoġġ tekniku u xjentifiku għal passi biex tittejjeb il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni, l-Istati Membri, l-organizzazzjonijiet internazzjonali u pajjiżi terzi dwar kwistjonijiet xjentifiċi u tekniċi rigward is-sikurezza tas-sustanzi, kif ukoll il-parteċipazzjoni attiva fl-assistenza teknika u f'attivitajiet ta' bini tal-kapaċitajiet dwar il-ġestjoni tajba ta' sustanzi kimiċi f'pajjiżi li qed jiżviluppaw;

(b) jfasslu opinjonijiet dwar kwalunkwe aspett ieħor fir-rigward tas-sikurezza tas-sustanzi waħedhom, f'taħlitiet jew f'oġġetti.

Emenda 49

Proposta għal regolament Artikolu 13 - paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2b. Il-Parlament Ewropew jew Stat Membru jista' jissottometti talba lill-Aġenzija biex toħroġ opinjoni xjentifika dwar kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenzi tagħha. It-talba għandha tkun akkumpanjata minn informazzjoni ta' sfond li tispjega l-kwistjoni xjentifika li għandha tiġi indirizzata u l-interess tal-Unjoni.

L-Aġenzija tista' tirrifjuta jew tipproponi emendi għal talba għal opinjoni f'konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew jew l-Istat(i) Membru/i li għamel/għamlu t-talba. Il-ġustifikazzjonijiet għar-rifjut għandhom jingħataw lill-

Parlament Ewropew jew lill-Istat(i) Membru/i li għamel/għamlu t-talba.

Emenda 50

**Proposta għal regolament
Artikolu 13 - paragrafu 3**

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-għadd ta' **tali** opinjonijiet xjentifiċi li għandhom jingħataw u l-iskedi ta' żmien għall-ġhoti tagħhom għandhom jiġu deċiżi bejn il-Kummissjoni u l-Aġenzija fuq bażi annwali.

Emenda

3. L-għadd ta' opinjonijiet xjentifiċi li għandhom jingħataw **skont il-paragrafu 2** u l-iskedi ta' żmien għall-ġhoti tagħhom għandhom jiġu deċiżi bejn il-Kummissjoni u l-Aġenzija fuq bażi annwali.

Emenda 51

**Proposta għal regolament
Artikolu 14 - paragrafu 4**

Test propost mill-Kummissjoni

4. Kull Stat Membru għandu jaħtar membru wieħed għall-BPC u jista' jaħtar membru supplenti wieħed għall-BPC. Il-membri tal-BPC għandhom jinħatru abbażi tar-rwol u l-esperjenza tagħhom fit-twettiq tal-kompiti assenjati lill-BPC **u jistgħu jaħdmu fi ħdan awtorità kompetenti.**

Emenda

4. Kull Stat Membru għandu jaħtar membru wieħed għall-BPC u jista' jaħtar membru supplenti wieħed għall-BPC. Il-membri tal-BPC għandhom jinħatru abbażi tar-rwol u l-esperjenza tagħhom fit-twettiq tal-kompiti assenjati lill-BPC.

Emenda 52

**Proposta għal regolament
Artikolu 14 - paragrafu 4a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. Fuq talba ta' Stat Membru, l-Aġenzija għandha tassisti lil dak l-Istat Membru biex jidentifika kandidati

possibbli għan-nomina minn dak l-Istat Membru skont il-paragrafi 1 u 2. Madankollu, l-obbligu li jiġi nnominat kandidat għandu jibqa' tal-Istati Membri.

Emenda 53

Proposta għal regolament

Artikolu 14 - paragrafu 5 - subparagrafu 1

Test proposit mill-Kummissjoni

Il-membri tal-SCCS għandhom jinħatru mill-Bord ***tat-Tmexxija*** minn lista ta' kandidati adattati, ***stabbilita wara*** sejħa għal espressjoni ta' interess immedja mill-Aġenzija.

Emenda

Il-membri tal-SCCS għandhom ***jintgħażlu u*** jinħatru mill-Bord ***ta' Tmexxija*** minn lista ta' kandidati adattati ***mfassla mid-Direttur Eżekuttiv. Il-lista għandha ssir abbażi tal-applikazzjonijiet riċevuti għal*** sejħa għal espressjoni ta' interess immedja mill-Aġenzija ***u għandu jkollha l-għan li tinkludi mill-inqas id-doppju tan-numru ta' kandidati meħtieġa biex jimtlew il-pożizzjonijiet fl-SCCS u għal kull qasam ta' għarfien espert.***

Emenda 54

Proposta għal regolament

Artikolu 14 - paragrafu 5 - subparagrafu 2 - punt a - punt iva (ġdid)

Test proposit mill-Kummissjoni

Emenda

(iva) valutazzjoni tas-sikurezza tan-nanomaterjali;

Emenda 55

Proposta għal regolament

Artikolu 14 - paragrafu 5 - subparagrafu 2 - punt a - punt v

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(v) **metodi ta' ttestjar alternattivi**, u metodoloġiji emerġenti, inklużi metodoloġiji ġodda ta' approċċ u tekniki in vitro jew in silico;

(v) **approċċi li ma jinvolvux l-annimali**, u metodoloġiji emerġenti, inklużi metodoloġiji ġodda ta' approċċ u tekniki in vitro jew in silico;

Emenda 56

Proposta għal regolament

Artikolu 14 - paragrafu 5 - subparagrafu 2 - punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) l-indipendenza u n-nuqqas ta' kunflitti ta' interess.

(b) l-indipendenza u n-nuqqas ta' kunflitti ta' interess, **f'konformità mar-regoli adottati skont l-Artikolu 9(1), il-punt (e).**

Emenda 57

Proposta għal regolament

Artikolu 14 - paragrafu 5 - subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-SCCS għandu jikkonsisti **f'massimu ta' 20** membru.

L-SCCS għandu jikkonsisti **minn 20** membru **u għandu jkollu l-għan li jinkludi mill-inqas żewġ membri għal kull qasam ta' għarfien espert rappreżentat.**

Emenda 58

Proposta għal regolament

Artikolu 14 - paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5a. Il-membri tal-Kumitati għandhom jiġu nnominati u maħtura f'konformità mar-regoli dwar il-kunflitti ta' interess adottati mill-Bord ta'

***Tmexxija skont l-Artikolu 9(1),
il-punt (e).***

Emenda 59

Proposta għal regolament Artikolu 14 - paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. Il-Kumitati kollha għandu jkollhom firxa wiesgħa ta' għarfien espert rilevanti fost il-membri tagħhom. Il-Kumitati jistgħu jikkooptjaw membri addizzjonali magħżula abbażi tal-kompetenza speċifika tagħhom. L-għadd massimu ta' membri kooptjati ***għall-RAC, għall-SEAC u għall-SCCS*** għandu jiġi stabbilit u aġġustat mill-Bord ***tat-Tmexxija*** abbażi ta' proposta mid-Direttur Eżekuttiv, filwaqt li jitqiesu l-ammont ta' xogħol tal-kumitati, it-tip ta' għarfien espert meħtieġ u d-disponibbiltà tar-riżorsi finanzjarji. ***L-MSK u l-BPC jistgħu jikkooptjaw massimu ta' ħames membri addizzjonali.***

Emenda 60

Proposta għal regolament Artikolu 14 - paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda 61

Proposta għal regolament

Emenda

6. Il-Kumitati kollha għandu jkollhom firxa wiesgħa ta' għarfien espert rilevanti fost il-membri tagħhom. Il-Kumitati jistgħu jikkooptjaw membri addizzjonali magħżula abbażi tal-kompetenza speċifika tagħhom ***u billi jqisu d-diversità ġeografika.*** L-għadd massimu ta' membri kooptjati ***għall-Kumitati*** għandu jiġi stabbilit u aġġustat mill-Bord ***ta' Tmexxija*** abbażi ta' proposta mid-Direttur Eżekuttiv, filwaqt li jitqiesu l-ammont ta' xogħol tal-kumitati, it-tip ta' għarfien espert meħtieġ u d-disponibbiltà tar-riżorsi finanzjarji.

Emenda

7a. Il-membri kooptjati, l-esperti, il-konsulenti u l-partijiet ikkonċernati ma għandux ikollhom drittijiet tal-vot.

Artikolu 14 - paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni

9. L-Istati Membri għandhom jipprovdu riżorsi xjentifiċi u tekniċi adegwati **lil** dawk il-membri tal-kumitati li jkunu nnominaw jew ħatru u għandhom jiffaċilitaw l-attivitajiet tal-kumitati u tal-gruppi ta' ħidma tagħhom.

Emenda

9. L-Istati Membri għandhom jipprovdu riżorsi xjentifiċi u tekniċi adegwati **u appoġġ amministrattiv għal** dawk il-membri tal-kumitati li jkunu nnominaw jew ħatru, **u b'hekk jippermettu l-parteċipazzjoni effettiva tagħhom**, u għandhom jiffaċilitaw l-attivitajiet tal-kumitati u tal-gruppi ta' ħidma tagħhom.

Emenda 62

Proposta għal regolament Artikolu 14 - paragrafu 10

Test propost mill-Kummissjoni

10. Il-membri tal-RAC, tal-SEAC u tal-SCCS għandhom ikunu indipendenti u la għandhom ifittxu u lanqas jieħdu struzzjonijiet minn kwalunkwe gvern jew istituzzjoni, korp, uffiċċju jew entità oħra. Il-membri tal-MSK u tal-BPC għandhom jaġixxu fl-interess pubbliku. Huma għandhom joqogħdu lura minn kwalunkwe azzjoni li ma tkunx kompatibbli mad-dmirijiet tagħhom jew mat-twettiq tal-kompiti tagħhom.

Emenda

10. Il-membri tal-RAC, tal-SEAC u tal-SCCS għandhom ikunu indipendenti u la għandhom ifittxu u lanqas jieħdu struzzjonijiet minn kwalunkwe gvern jew istituzzjoni, korp, uffiċċju jew entità oħra. **Dawk** il-membri **u l-membri** tal-MSK u tal-BPC għandhom jaġixxu fl-interess pubbliku **u fl-interess tal-Unjoni**. Huma għandhom joqogħdu lura minn kwalunkwe azzjoni li ma tkunx kompatibbli mad-dmirijiet tagħhom jew mat-twettiq tal-kompiti tagħhom.

Emenda 63

Proposta għal regolament Artikolu 14 - paragrafu 12

Test propost mill-Kummissjoni

12. Il-membri **tal-Kumitati li jiġu nnominati jew maħtura**

Emenda

12. Il-membri **tal-MSK u tal-BPC li jinħatru** minn Stat

minn Stat Membru għandhom jiżguraw li jkun hemm koordinazzjoni xierqa bejn **il-kompiti tal-Aġenzija** u l-**ħidma tal-awtoritajiet** kompetenti tal-Istat Membru tagħhom.

Emenda 64

Proposta għal regolament Artikolu 14 - paragrafu 15

Test propost mill-Kummissjoni

15. Il-membri kkonċernat, jew l-impjegatur ta' dik il-persuna kif imsemmi fil-paragrafu **13**, għandu jiġi remunerat mill-Aġenzija f'konformità mal-arranġamenti finanzjarji stabbiliti mill-Bord **tat-Tmexxija** wara opinjoni pożittiva mill-Kummissjoni. Il-lista ta' kompiti li għalihom tista' titħallas ir-remunerazzjoni għandha tiġi stabbilita mill-Bord **tat-Tmexxija** wara opinjoni pożittiva tal-Kummissjoni. Meta l-membri kkonċernat jonqos milli jwettaq xi wieħed minn dawk il-kompiti, id-Direttur Eżekuttiv jista' jżomm ir-remunerazzjoni.

Emenda 65

Proposta għal regolament Artikolu 15 - paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Meta jkun qegħed iħejji opinjoni, il-kumitati għandhom jużaw l-aħjar sforzi tagħhom biex jilhqqu kunsens fost il-membri tagħhom. L-opinjoni għandha tinkludi r-raġunijiet għall-pożizzjoni tal-kumitat. Jekk ma jkunx jista' jintlaħaq kunsens, l-opinjoni għandha tikkonsisti fil-

Membru għandhom jiżguraw li jkun hemm koordinazzjoni xierqa bejn **il-ħidma fil-Kumitati** u l-**ħidma fl-awtoritajiet** kompetenti tal-Istat Membru tagħhom.

Emenda

15. Il-membri kkonċernat, jew l-impjegatur ta' dik il-persuna kif imsemmi fil-paragrafu **14**, għandu jiġi remunerat mill-Aġenzija f'konformità mal-arranġamenti finanzjarji stabbiliti mill-Bord **ta' Tmexxija** wara opinjoni pożittiva mill-Kummissjoni. Il-lista ta' kompiti li għalihom tista' titħallas ir-remunerazzjoni għandha tiġi stabbilita mill-Bord **ta' Tmexxija** wara opinjoni pożittiva tal-Kummissjoni. Meta l-membri kkonċernat jonqos milli jwettaq xi wieħed minn dawk il-kompiti, id-Direttur Eżekuttiv jista' jżomm ir-remunerazzjoni.

Emenda

2. Meta jkun qegħed iħejji opinjoni, il-kumitati għandhom jużaw l-aħjar sforzi tagħhom biex jilhqqu kunsens fost il-membri tagħhom. L-opinjoni għandha tinkludi r-raġunijiet għall-pożizzjoni tal-kumitat. Jekk ma jkunx jista' jintlaħaq kunsens, l-opinjoni għandha tikkonsisti fil-

pożizzjoni tal-maġġoranza tal-membri, il-pożizzjonijiet tal-minoranza u r-raġunijiet għall-pożizzjonijiet rispettivi tal-maġġoranza u tal-minoranza. L-opinjoni għandha **tiġi ppubblikata**.

Emenda 66

Proposta għal regolament Artikolu 15 - paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Kull kumitat għandu jabbozza proposta għar-regoli ta' proċedura tiegħu stess, li għandha titħejja għall-adozzjoni mid-Direttur Eżekuttiv u mbagħad tiġi adottata mill-Bord **tat-Tmexxija. Ir-regoli ta' proċedura tal-RAC u tal-SEAC għandhom jeħtieġu l-approvazzjoni tar-rappreżentanti** tal-Kummissjoni fil-Bord **tat-Tmexxija**.

Emenda 67

Proposta għal regolament Artikolu 15 - paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Ir-regoli ta' proċedura ta' kull kumitat għandhom jistabbilixxu l-proċeduri għas-sostituzzjoni u l-kooptjar tal-membri, għall-ħolqien u l-organizzazzjoni tal-gruppi ta' ħidma u għad-delega ta' ċerti kompiti lil tali gruppi ta' ħidma, jekk applikabbli. Ir-regoli ta' proċedura għandhom jistabbilixxu wkoll proċedura għall-adozzjoni

pożizzjoni tal-maġġoranza tal-membri, il-pożizzjonijiet tal-minoranza u r-raġunijiet għall-pożizzjonijiet rispettivi tal-maġġoranza u tal-minoranza. L-opinjoni għandha **ssir disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit web tal-Aġenzija**.

Emenda

4. Kull kumitat għandu jabbozza proposta għar-regoli ta' proċedura tiegħu stess, li għandha titħejja għall-adozzjoni mid-Direttur Eżekuttiv u mbagħad tiġi adottata mill-Bord **ta' Tmexxija. Meta jħejji r-regoli ta' proċedura tal-RAC, tal-SEAC u tal-SCCS, id-Direttur Eżekuttiv għandu jikkonsulta mar-rappreżentanti** tal-Kummissjoni fil-Bord **ta' Tmexxija**.

Emenda

5. Ir-regoli ta' proċedura ta' kull kumitat għandhom jistabbilixxu l-proċeduri għas-sostituzzjoni u l-kooptjar tal-membri, għall-ħolqien u l-organizzazzjoni tal-gruppi ta' ħidma u għad-delega ta' ċerti kompiti lil tali gruppi ta' ħidma, jekk applikabbli. **L-adozzjoni tal-opinjonijiet ma għandhiex tiġi ddelegata lil daww il-gruppi ta'**

urġenti ta' opinjonijiet u għall-
għestjoni ta' kunflitti ta' interess.
Ir-regoli ta' proċedura għandhom
jiġu ppubblikati.

ħidma. Ir-regoli ta' proċedura
għandhom jistabbilixxu wkoll
proċedura għall-adozzjoni urġenti
ta' opinjonijiet u għall-ġestjoni ta'
kunflitti ta' interess. Ir-regoli ta'
proċedura għandhom ***isiru***
disponibbli għall-pubbliku fuq
is-sit web tal-Aġenzija.

Emenda 68

Proposta għal regolament Artikolu 15 - paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

***6a. Għal-laqqgħat kollha tal-
Kumitat, is-sommarji dettaljati
għandhom ikunu disponibbli
għall-pubbliku fi żmien debitu,
sabiex il-pubbliku jkun jista'
jsejwi l-progress li jkun sar
fuq dossiers u punti oħra
diskussi,***

Emenda 69

Proposta għal regolament Artikolu 16 - paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. L-Aġenzija għandha żżomm
lista aġġornata ta' esperti, li
għandha tinkludi l-esperti
msemmija fl-Artikolu 16(1) u
esperti oħrajn identifikati
direttament mill-Aġenzija.

4. L-Aġenzija għandha żżomm
lista aġġornata ta' esperti, li
għandha tinkludi l-esperti
msemmija fl-Artikolu 16(1) u
esperti oħrajn identifikati
direttament mill-Aġenzija, ***kif
ukoll il-kwalifiki ta' dawk l-
esperti.***

Emenda 70

Proposta għal regolament Artikolu 16 - paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Id-dispożizzjonijiet dwar l-indipendenza fl-Artikolu **14(9)**, dwar l-arranġamenti kuntrattwali fl-Artikolu **14(13)** u dwar l-arranġamenti finanzjarji għar-remunerazzjoni fl-Artikolu **14(14)** għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal kwalunkwe espert li jservi fi grupp ta' ħidma tal-Kumitati jew tal-Forum jew li jwettaq kwalunkwe kompitu ieħor għall-Aġenzija.

Emenda 71

Proposta għal regolament Artikolu 17 - paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Il-Forum għandu jabbozza proposta għar-regoli ta' proċedura tiegħu stess ***lill-Bord tat-Tmexxija***. Ir-regoli ta' proċedura għandhom jistabbilixxu l-proċeduri għall-ħatra u s-sostituzzjoni tal-President, għas-sostituzzjoni tal-membri u għad-delega ta' ċerti kompiti lil gruppi ta' ħidma.

Emenda 72

Proposta għal regolament Artikolu 19 - paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Is-sħubija tal-Kumitati u tal-Forum ***għandha tiġi ppubblikata*** mid-Direttur Eżekuttiv fuq is-sit web tal-Aġenzija. Il-membri individwali jistgħu jitolbu li l-ismijiet tagħhom ma jiġux ippubblikati jekk huma

Emenda

5. Id-dispożizzjonijiet dwar l-indipendenza fl-Artikolu **14(10)**, dwar l-arranġamenti kuntrattwali fl-Artikolu **14(14)** u dwar l-arranġamenti finanzjarji għar-remunerazzjoni fl-Artikolu **14(15)** għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal kwalunkwe espert li jservi fi grupp ta' ħidma tal-Kumitati jew tal-Forum jew li jwettaq kwalunkwe kompitu ieħor għall-Aġenzija.

Emenda

5. Il-Forum għandu jabbozza proposta għar-regoli ta' proċedura tiegħu stess ***li għandhom jiġu adottati mill-Bord ta' Tmexxija***. Ir-regoli ta' proċedura għandhom jistabbilixxu l-proċeduri għall-ħatra u s-sostituzzjoni tal-President, għas-sostituzzjoni tal-membri u għad-delega ta' ċerti kompiti lil gruppi ta' ħidma.

Emenda

1. Is-sħubija tal-Kumitati u tal-Forum ***u l-lista ta' esperti msemmija fl-Artikolu 16(4) għandhom jiġu ppubblikati*** mid-Direttur Eżekuttiv fuq is-sit web tal-Aġenzija. Il-membri individwali ***u l-esperti*** jistgħu

jemmnu li tali pubblikazzjoni tista' tpoġġihom f'riskju. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jiddeċiedi jekk jaqbilx ma' tali talbiet. Meta tiġi ppubblikata ħatra ta' membru, il-kwalifiki professjonali ta' dak il-membru għandhom jiġu ppubblikati wkoll.

jitolbu li l-ismijiet tagħhom ma jiġux ippubblikati jekk huma jemmnu li tali pubblikazzjoni tista' tpoġġihom f'riskju. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jiddeċiedi jekk jaqbilx ma' tali talbiet. Meta tiġi ppubblikata ħatra ta' membru, il-kwalifiki professjonali ta' dak il-membru għandhom jiġu ppubblikati wkoll.

Emenda 73

Proposta għal regolament Artikolu 19 - paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. **Fil-laqgħat** tal-membri tal-Bord **tat-Tmexxija**, id-Direttur Eżekuttiv, il-presidenti u l-membri tal-Kumitati u l-Forum u kwalunkwe espert parteċipant għandhom jiddikjaraw kwalunkwe interess addizzjonali li jista' jitqies bħala ta' preġudizzju għall-obbligi tal-membri skont l-Artikolu 14(10) fir-rigward ta' kwalunkwe punt fuq l-aġenda. Persuna li tkun iddikjarat tali interessi ma għandhiex tipparteċipa fil-votazzjoni fuq il-punt rilevanti.

Emenda

3. **F'kull laqgħa** tal-membri tal-Bord **ta' Tmexxija**, id-Direttur Eżekuttiv, il-presidenti u l-membri tal-Kumitati u l-Forum u kwalunkwe espert **u konsulent** parteċipant għandhom jiddikjaraw kwalunkwe interess addizzjonali li jista' jitqies bħala ta' preġudizzju għall-obbligi tal-membri skont l-Artikolu 14(10) fir-rigward ta' kwalunkwe punt fuq l-aġenda. Persuna li tkun iddikjarat tali interessi ma għandhiex tipparteċipa fil-votazzjoni fuq il-punt rilevanti.

Emenda 74

Proposta għal regolament Artikolu 19 - paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. Il-Membri tal-Bord ta' Tmexxija, il-presidenti u l-membri tal-Kumitati u l-Forum u kwalunkwe espert u konsulent parteċipanti għandhom jirrapportaw mingħajr dewmien lid-Direttur

***Eżekuttiv kwalunkwe tentattiv
biex issir pressjoni jew
tentattiv ta' influwenza mhux
xierqa, li fir-rigward ta' dawn
it-tentattivi, ikunu fil-mira.***

Emenda 75

Proposta għal regolament Artikolu 27 - paragrafu 1 - parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Sal-aħħar ta' kull sena, abbażi
tal-abbozz mid-Direttur
Eżekuttiv, il-Bord ***tat-Tmexxija***
għandu japprova abbozz ta'
dokument uniku ta'
programmazzjoni li jkun fih dawn
li ġejjin:

Sal-aħħar ta' kull sena, abbażi ***ta'***
proposta mid-Direttur Eżekuttiv,
il-Bord ***ta' Tmexxija*** għandu
japprova abbozz ta' dokument
uniku ta' programmazzjoni li jkun
fih dawn li ġejjin:

Emenda 76

Proposta għal regolament Artikolu 27 - paragrafu 1 - punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

***(da) valutazzjoni tal-
adegwatezza tar-riżorsi
finanzjarji u umani tal-
Aġenzija biex twettaq il-
kompiti attwali u li ġejjin
tagħha;***

Emenda 77

Proposta għal regolament Artikolu 27 - paragrafu 1 - punt db (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

***(db) strateġija dwar l-użu
effettiv tal-membri u l-esperti
msemmija fl-Artikolu 14(6), u
l-Artikoli 16 u 35***

rispettivamente;

Emenda 78

**Proposta għal regolament
Artikolu 27 - paragrafu 1 - punt dc (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(dc) strateġija dwar il-ħtiġijiet u l-ispejjeż mistennija li jirriżultaw mis-sekondar skont l-Artikolu 35(2a) u dwar kwalunkwe deċiżjoni biex jingħata appoġġ finanzjarju lill-awtoritajiet, l-aġenziji u l-istituti tar-riċerka nazzjonali għall-implimentazzjoni ta' ċerti kompiti skont it-tifsira tal-Artikolu 41b.

Emenda 79

**Proposta għal regolament
Artikolu 29 - paragrafu 4a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. It-tariffi u l-imposti mitluba skont il-leġiżlazzjoni settorjali tal-Unjoni għandhom jiġu stabbiliti f'livell suffiċjenti biex ikopru l-kostijiet tas-servizzi pprovduti f'konformità ma' dik il-leġiżlazzjoni.

Emenda 80

**Proposta għal regolament
Artikolu 29 - paragrafu 4b (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4b. Fil-limiti tal-baġit adottat f'konformità mar-regoli baġitarji tal-Unjoni, l-Aġenzija

***għandha tiddetermina l-
allokazzjoni interna tar-riżorsi
finanzjarji fl-attivitajiet u l-
kompiti kollha tagħha,
f'konformità mal-mandat u d-
dokumenti ta'
programmazzjoni tagħha.***

Emenda 81

Proposta għal regolament Artikolu 29 - paragrafu 5 - punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) l-Aġenzija għandha tagħmel kontribuzzjonijiet għar-riżerva biss mir-riżultati tal-baġit ta' tmiem is-sena skont it-tifsira tal-Artikolu 99(4) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/715, fejn daww ir-riżultati jkunu pożittivi u jirriżultaw mid-dħul minn tariffi u imposti miġbura li jkunu ogħla mill-ammonti bbaġitjati f'sena partikolari;

Emenda

(a) l-Aġenzija għandha tagħmel kontribuzzjonijiet għar-riżerva biss mir-riżultati tal-baġit ta' tmiem is-sena skont it-tifsira tal-Artikolu 99(4) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/715, fejn daww ir-riżultati jkunu pożittivi u jirriżultaw mid-dħul minn tariffi u imposti miġbura li jkunu ogħla mill-ammonti bbaġitjati ***fl-aħħar baġit emendat approvat mill-Bord ta' Tmexxija tal-Aġenzija*** f'sena partikolari;

Emenda 82

Proposta għal regolament Artikolu 29 - paragrafu 5 - punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) fi kwalunkwe mument, ir-riżerva inkluża fis-sena N fl-abbozz tal-baġit għas-sena N+1 ma għandhiex taqbeż ***it-8 %*** tal-ammont proprju totali realizzat ***fis-sena N-1*** tad-dħul tal-Aġenzija mit-tariffi u l-imposti msemmija fil-paragrafu 3, il-punt (b) ***u l-kontribuzzjoni tal-Unjoni msemmija fil-paragrafu 3, il-punt (a), u ma għandhiex taqbeż ukoll it-8 % tal-ammont***

Emenda

(b) fi kwalunkwe mument, ir-riżerva inkluża fis-sena N fl-abbozz tal-baġit għas-sena N+1 ma għandhiex taqbeż ***il-15 % tal-medja*** tal-ammont proprju totali realizzat ***fl-aħħar ħames snin*** tad-dħul tal-Aġenzija mit-tariffi u l-imposti msemmija fil-paragrafu 3, il-punt (b);

propriju totali tal-Aġenzija tan-nefqa amministrattiva u operazzjonali realizzata fis-sena N-1, skont liema ammont ikun l-aktar baxx;

Emenda 83

**Proposta għal regolament
Artikolu 29 - paragrafu 5 - punt ca (ġdid)**

Test proposit mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) l-Aġenzija għandha tirrapporta kull sena, bħala parti mir-Rapport Annwali tal-Attività tagħha, dwar il-bilanċ tal-ftuħ, il-flussi ta' dħul, il-flussi ta' ħruġ u l-ġustifikazzjonijiet tar-riżerva.

Emenda 84

**Proposta għal regolament
Artikolu 29 - paragrafu 6**

Test proposit mill-Kummissjoni

Emenda

6. Il-Kummissjoni tista' tirrieżamina l-kundizzjonijiet għar-riżerva stabbiliti fil-paragrafu 5, u għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 46(1) biex temenda l-paragrafu 5 abbażi ta' tali rieżami.

6. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta valutazzjoni tal-funzjonament tar-riżerva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fi tmiem ir-raba' sena tal-operat tar-riżerva. Fejn xieraq, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta leġiżlattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bil-ħsieb li tadatta r-riżerva.

Emenda 85

**Proposta għal regolament
Artikolu 30 - paragrafu 2a (ġdid)**

Test proposit mill-Kummissjoni

Emenda

2a. L-Aġenzija għandha timmonitorja l-kostijiet tagħha u d-Direttur Eżekuttiv għandu jipprovdi, b'mod f'waqtu bħala parti mir-Rapport Annwali tal-Attività furnut lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, informazzjoni dettaljata u sostanzjata dwar il-kostijiet li għandhom jiġu koperti minn tariffi u imposti li huma fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Emenda 86

Proposta għal regolament Artikolu 30a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 30a

Reviżjoni tat-tariffi

1. Mhux aktar tard minn ... [sentejn wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament] u kull tliet snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tevalwa l-adekwatezza baġitarja tat-tariffi pagabbli lill-Aġenzija, u tadattahom skont dan, b'mod partikolari fir-rigward tal-iżgurar li d-dħul derivat mit-tariffi meta kkombinat ma' sorsi oħra tad-dħul tal-Aġenzija jkun biżżejjed biex ikopri l-kost tas-servizzi mogħtija.

2. Mhux aktar tard minn sentejn wara [d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament] u kull tliet snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-

Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-adegwatezza baġitarja tat-tariffi pagabbli lill-Aġenzija u dwar il-koerenza u l-konsolidazzjoni tat-tariffi.

Emenda 87

Proposta għal regolament Artikolu 35 - titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Esperti nazzjonali sekondati u
persunal ieħor

Emenda

Esperti nazzjonali sekondati u
persunal ieħor ***sekondati fl-
interest tas-servizz***

Emenda 88

Proposta għal regolament Artikolu 35 - paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. L-uffiċjali u impjegati oħra li tħaddem l-Aġenzija jistgħu, fl-interess tas-servizz u f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolamenti tal-Persunal tar-Regolament Nru 31 (KEE), 11 (KEEA) u l-Artikolu 51 tal-Kundizzjonijiet tal-Impjeg ta' Aġenti Oħra tar-Regolament Nru 31 (KEE), 11 (KEEA), jiġu sekondati lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jew lil korpi pubbliċi oħra inkarigati b'kompiti relatati mal-mandat tal-Aġenzija.

Tali sekondar ma għandux ikollu impatt fuq il-kapaċità, il-kompiti u l-ħidma tal-Aġenzija u ma għandux jaffettwa l-indipendenza tal-persunal ikkonċernat u għandu jkun soġġett għal

**salvagwardji xierqa dwar
kunflitti ta' interess u
kunfidenzjalità.**

Emenda 89

Proposta għal regolament Artikolu 35 - paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2b. Il-Bord ta' Tmexxija jista' jadotta deċiżjoni li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet li skonthom għandhom isiru assenjażżjonijiet jew sekondar temporanji fl-interess tas-servizz kif imsemmi fil-paragrafu 2a.

Emenda 90

Proposta għal regolament Artikolu 37 - paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Għall-informazzjoni **u d-data l-oħra kollha mhux koperti mill-paragrafu 1, il-Bord tat-Tmexxija għandu, abbażi ta' proposta mid-Direttur Eżekuttiv u bi qbil mal-Kummissjoni, jadotta regoli biex jiżgura d-disponibbiltà għall-pubbliku ta' informazzjoni** regolatorja, xjentifika u teknika dwar is-sikurezza **tas-sustanzi** waħedhom, f'taħlitiet jew f'oġġetti **fejn tali informazzjoni ma tkunx ta' natura kunfidenzjali kif definita** fil-leġiżlazzjoni **settorjali tal-Unjoni.**

2. Għall-informazzjoni regolatorja, xjentifika u teknika **kollha miżmuma mill-Aġenzija** dwar is-sikurezza **ta' sustanzi** waħedhom, f'taħlitiet jew f'oġġetti **u mhux koperti mill-paragrafu 1, l-Artikolu 37a għandu japplika, mingħajr preġudizzju, għal dispożizzjonijiet speċifiċi** fil-leġiżlazzjoni **tal-Unjoni dwar id-divulgazzjoni tal-informazzjoni.**

Emenda 91

Proposta għal regolament Artikolu 37a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 37a

Access għad-dokumenti

- 1. Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 u r-Regolament (KE) Nru 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1a} għandhom japplikaw għad-dokumenti miżmuma mill-Aġenzija.**
- 2. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jadotta l-arranġamenti prattiċi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 u l-Artikoli 6 u 7 tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006, li jiżguraw aċċess li jkun kemm jista' jkun wiesa' għad-dokumenti fil-pussess tiegħu.**
- 3. Id-deċiżjonijiet meħudin mill-Aġenzija skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 jistgħu jkunu s-suġġett ta' lment lill-Ombudsman jew ta' azzjoni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 228 u 263 tat-TFUE, rispettivament.**

^{1a} Ir-Regolament (KE) Nru 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar l-applikazzjoni għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għall-Infurmazzjoni, il-

**Parteċipazzjoni tal-Pubbliku
fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-
Aċċess għall-Ġustizzja fi
Kwistjonijiet Ambjentali (ĠU L
264, 25.9.2006, p. 13, ELI:
<http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1367/oj>).**

Emenda 92

Proposta għal regolament Artikolu 38 - paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Il-membri tal-Bord **tat-Tmexxija**, id-Direttur Eżekuttiv, il-membri tal-Kumitati, il-Bord tal-Appell u l-Forum, l-esperti **esterni** li jipparteċipaw fil-gruppi ta' ħidma u l-membri tal-persunal tal-Aġenzija għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità stabbiliti fl-Artikolu 339 tat-TFUE, anke wara li jkunu ntemmu dmirijiethom.

Emenda 93

Proposta għal regolament Artikolu 41a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. Il-membri tal-Bord **ta' Tmexxija**, id-Direttur Eżekuttiv, il-membri tal-Kumitati, il-Bord tal-Appell u l-Forum, l-esperti li jipparteċipaw fil-gruppi ta' ħidma u l-membri tal-persunal tal-Aġenzija għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità stabbiliti fl-Artikolu 339 tat-TFUE, anke wara li jkunu ntemmu dmirijiethom.

Artikolu 41a

Assemblea ta' partijiet ikkonċernati akkreditati

1. **Għall-fini tal-Artikolu 41, l-Aġenzija għandha tistabbilixxi u tikkoordina Assemblea ta' partijiet ikkonċernati akkreditati (l-"Assemblea").**

2. **L-Assemblea għandha l-għan li ssaħħaħ ir-relazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati**

akkreditati u l-Aġenzija, u tiffaċilita l-kontribuzzjoni tagħhom għall-kompiti tal-Aġenzija.

3. Id-Direttur Eżekuttiv jew rappreżentant tad-Direttur Eżekuttiv għandu jkun intitolat li jattendi l-laqgħat kollha tal-Assemblea. L-Assemblea għandha tkun ippreseduta minn rappreżentant tal-Aġenzija. Lista tal-partijiet ikkonċernati akkreditati tal-Aġenzija għandha ssir disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit web tal-Aġenzija.

4. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jfassal lista tal-membri tal-Assemblea li jintgħażlu minn fost il-partijiet ikkonċernati msemmija fl-Artikolu 15(1) u jiżgura rappreżentanza bbilanċjata tar-rappreżentanti tal-industrija u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fost daww il-membri.

Emenda 94

Proposta għal regolament Artikolu 41b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 41b

Networking tal-awtoritajiet, l-aġenziji u l-istituti tar-riċerka nazzjonali

1. L-Aġenzija għandha tiffaċilita n-networking tal-awtoritajiet, l-aġenziji u l-istituti tar-riċerka nazzjonali li joperaw fl-oqsma ta' kompetenza tal-Aġenzija. L-għan ta' tali networking huwa,

b'mod partikolari, li jiffaċilita qafas xjentifiku ta' kooperazzjoni permezz tal-koordinazzjoni ta' attivitajiet, l-iskambju ta' informazzjoni, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' proġetti konġunti, l-iskambju ta' għarfien espert u l-aħjar prattiki fl-oqsma ta' kompetenza tal-Aġenzija.

2. Għall-fini ta' dan l-Artikolu, il-Bord ta' Tmexxija, waqt li jaġixxi fuq proposta mid-Direttur Eżekuttiv, għandu jfassal lista, li għandha ssir disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit web tal-Aġenzija, tal-awtoritajiet, l-aġenziji u l-istituti tar-riċerka nazzjonali msemmija fil-paragrafu 1, deżinjati mill-Istati Membri, li tista' tassisti lill-Aġenzija, jew individwalment jew f'networks, fil-kompiti tagħha. Mingħajr preġudizzju għall-kompiti fdati lill-Aġenzija fil-leġiżlazzjoni settorjali, l-Aġenzija tista' tafda lil daww l-awtoritajiet, l-aġenziji u l-istituti tar-riċerka nazzjonali b'ċerti kompiti, b'mod partikolari b'ħidma preparatorja għal opinjonijiet xjentifiċi, assistenza xjentifika u teknika, għal ta' data u identifikazzjoni ta' riskji emerġenti. Xi wħud minn daww il-kompiti jistgħu jkunu eliġibbli għal appoġġ finanzjarju skont il-paragrafu 3.

3. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jadotta deċiżjonijiet biex jagħti appoġġ finanzjarju lill-awtoritajiet, l-aġenziji u l-istituti tar-riċerka nazzjonali fil-lista msemmija fil-

**paragrafu 2 għall-
implimentazzjoni ta' ċerti
kompiti.**

Emenda 95

**Proposta għal regolament
Artikolu 43 - paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

L-Aġenzija għandha tassisti lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni fil-promozzjoni tas-sostituzzjoni tal-aktar sustanzi kimiċi dannużi b'sustanzi u teknoloġiji alternattivi aktar sikuri u sostenibbli u fl-iżvilupp ta' metodoloġiji xjentifiċi rilevanti, inklużi approċċi li ma jinvolvu l-annimali, biex jiġu vvalutati l-perikli tas-sustanzi kimiċi, kif ukoll ir-riskji u l-impatti soċjoekonomiċi tal-użu tas-sustanzi kimiċi. Tali assistenza għandha tinkludi l-faċilitazzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni, kif ukoll il-parteċipazzjoni **fi** u l-faċilitazzjoni ta' attivitajiet rilevanti ta' riċerka, żvilupp u innovazzjoni fil-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti tal-Unjoni.

Emenda

1. L-Aġenzija għandha tassisti lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni fil-promozzjoni tas-sostituzzjoni tal-aktar sustanzi kimiċi dannużi **u ta' sustanzi kimiċi perikolużi oħra, u ta' gruppi tagħhom**, b'sustanzi u teknoloġiji alternattivi aktar sikuri u sostenibbli u fl-iżvilupp, **fl-aċċettazzjoni regolatorja, fl-adozzjoni u fil-validazzjoni internazzjonali** ta' metodoloġiji xjentifiċi rilevanti, inklużi approċċi li ma jinvolvu l-annimali, biex jiġu vvalutati l-perikli tas-sustanzi kimiċi, kif ukoll ir-riskji u l-impatti soċjoekonomiċi tal-użu tas-sustanzi kimiċi. Tali assistenza għandha tinkludi l-faċilitazzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni, **il-kontribuzzjoni biex jiġu ddefiniti l-ħtiġijiet tal-ġenerazzjoni tad-data**, kif ukoll il-parteċipazzjoni u l-faċilitazzjoni **fir-rigward** ta' attivitajiet rilevanti ta' riċerka, żvilupp u innovazzjoni fil-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti tal-Unjoni, **inkluż ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1a}, u l-espożomija fejn xieraq.**

^{1a} **Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament**

Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Orizzont Ewropa - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/695/oj>).

Emenda 96

Proposta għal regolament Artikolu 43 - paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. L-Aġenzija għandha tippubblika rapport annwali li jippreżenta r-rakkomandazzjonijiet tagħha dwar l-għarfien u l-lakuni fid-data f'termini tax-xjenza regolatorja u l-ħtiġijiet regolatorji, kif ukoll ix-xjenza esploratorja u fundamentali, fi kwalunkwe qasam fil-kompetenza tagħha, filwaqt li tqis ir-riskji emerġenti u f'kooperazzjoni mill-qrib u b'interazzjoni permanenti mal-korpi rilevanti tal-Unjoni u dawk internazzjonali.

Emenda 97

Proposta għal regolament Artikolu 44 - paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Aġenzija għandha tikkoopera ma' korpi oħrajn stabbiliti skont

1. L-Aġenzija għandha tikkoopera ma' korpi oħrajn

id-dritt tal-Unjoni, inklużi iżda mhux limitati għaċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini u l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, dwar l-għoti ta' opinjonijiet xjentifiċi rilevanti, dwar l-iskambju ta' data u informazzjoni, inkluż l-istabbiliment possibbli ta' formati ta' data relatati u vokabularji kkontrollati biex jiffaċilitaw tali skambju, u dwar l-iżvilupp ta' metodoloġiji xjentifiċi, inklużi approċċi li ma jinvolvux l-annimali, għall-valutazzjoni tas-sustanzi kimiċi.

stabbiliti skont id-dritt tal-Unjoni, inklużi iżda mhux limitati għaċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (**ECDC**), l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (**EEA**), l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (**EFSA**), l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (**EMA**) u l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (**EU-OSHA**), dwar l-għoti ta' opinjonijiet xjentifiċi rilevanti, dwar l-iskambju ta' data u informazzjoni, inkluż l-istabbiliment possibbli ta' formati ta' data relatati u vokabularji kkontrollati biex jiffaċilitaw tali skambju, u dwar l-iżvilupp ta' metodoloġiji xjentifiċi, inklużi approċċi li ma jinvolvux l-annimali, għall-valutazzjoni tas-sustanzi kimiċi.

Emenda 98

Proposta għal regolament Artikolu 44 - paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. L-Aġenzija għandha tiżgura kooperazzjoni mal-Laboratorju ta' Referenza tal-Unjoni Ewropea għall-alternattivi għall-ittestjar fuq l-annimali (EURL ECVAM), b'mod partikolari fir-rigward tal-iżvilupp ta' metodoloġiji xjentifiċi u attivitajiet ta' taħriġ.

Emenda 99

Proposta għal regolament Artikolu 44 - paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1b. Għandha tiġi stabbilita task force permanenti (it-“task force”) mal-Aġenzija, l-EFSA, l-EMA, l-ECDC, l-EEA u l-EU-OSHA.

Emenda 100

**Proposta għal regolament
Artikolu 44 - paragrafu 1c (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1c. It-task force għandha tiffoka fuq kwistjonijiet transsettorjali li jistgħu jibbenefikaw minn approċċ “Saħħa Waħda” u tal-espożomi. It-task force għandha tibni fuq il-mekkaniżmi eżistenti ta’ kooperazzjoni, timmassimizza s-sinerġiji u tevita d-duplikazzjoni.

Emenda 101

**Proposta għal regolament
Artikolu 44 - paragrafu 1d (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1d. L-Aġenzija għandha tikkoordina l-ħidma tat-task force għal 12-il xahar wara li tiġi stabbilita t-task force. Il-koordinazzjoni u l-presidenza tal-ħidma tat-task force, inkluża t-tmexxija tal-koordinazzjoni tal-laqgħat u l-attivitajiet tat-task force għandhom jinbidlu minn aġenzija għal oħra kull 12-il xahar wara dan f’konformità mal-qafas għal azzjoni tagħha

msemmi fil-paragrafu 11.

Emenda 102

**Proposta għal regolament
Artikolu 44 - paragrafu 1e (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1e. It-task force għandha tikkonsisti minn persunal minn kull aġenzija msemmija fil-paragrafu 1b. Id-Direttur Eżekuttiv ta' kull aġenzija għandu jaħtar rappreżentant għat-task force u r-rappreżentanti għandhom jirrapportaw dwar il-progress lid-Diretturi Eżekuttivi rispettivi tagħhom. Rappreżentant mill-Kummissjoni għandu jiġi mistieden biex jipparteċipa fil-laqgħat tat-task force biex jiżgura kooperazzjoni mill-qrib bejn it-task force u l-Kummissjoni.

Emenda 103

**Proposta għal regolament
Artikolu 44 - paragrafu 1f (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1f. Kull aġenzija msemmija fil-paragrafu 1b għandha tistabbilixxi punt fokali f'dik l-aġenzija biex tikkoordina l-kontribut rispettiv tagħha għall-attivitajiet konġunti u twassal il-pożizzjoni ta' dik l-aġenzija dwar kwistjonijiet strateġiċi. Kull punt fokali għandu jżomm il-maniġment u l-mekkaniżmi interaġenzjali tiegħu stess infurmati dwar l-iżviluppi rilevanti fit-task

force.

Emenda 104

Proposta għal regolament Artikolu 44 - paragrafu 1g (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1g. Il-membri tat-task force jistgħu jfittxu li jinvolvu rappreżentanti oħra minn kull aġenzija għal kontribut u parir biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet, kif meħtieġ.

Emenda 105

Proposta għal regolament Artikolu 44 - paragrafu 1h (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1h. L-osservaturi u l-esperti esterni jistgħu jattendu laqgħat tat-task force kif u meta jkun meħtieġ, bi qbil mal-membri tat-task force.

Emenda 106

Proposta għal regolament Artikolu 44 - paragrafu 1i (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1i. It-task force ma għandhiex taġixxi bħala korp deċiżjonali. It-task force tista' tipproponi rakkomandazzjonijiet għal azzjoni lill-maniġment superjuri tal-aġenziji. Ir-rappreżentanti ta' kull aġenzija fit-task force għandu jkollhom rwol konsultattiv

għad-Diretturi Eżekuttivi u l-maniġment superjuri tal-aġenzija tagħhom stess u għandhom jinvolvu ruħhom mal-Kummissjoni u ma' partijiet ikkonċernati oħra għal kontribut u parir, kif xieraq.

Emenda 107

Proposta għal regolament Artikolu 44 - paragrafu 1j (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1j. It-task force għandha tiltaqa' mill-inqas sitt darbiet fis-sena, b'mill-inqas laqgħa fiżika annwali waħda ta' natura aktar strateġika. Jistgħu jiġu organizzati laqgħat ad hoc, kif meħtieġ.

Emenda 108

Proposta għal regolament Artikolu 44 - paragrafu 1k (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1k. Sal-31 ta' Diċembru ta' kull sena, il-membri tat-task force għandhom ifasslu u japprovaw qafas annwali għal azzjoni li jiddeskrivi pjan għall-ħidma konġunta dwar Saħħa Waħda u l-espożomi tal-aġenziji msemmija fil-paragrafu 1b.

Il-qafas għal azzjoni għandu jinkludi objettivi li t-task force għandu jfittex li jilħaq, azzjonijiet konkreti u eżiti biex jintlaħqu, kif ukoll skeda ta' żmien approssimattiva għall-implimentazzjoni ta' tali

azzjonijiet, u għandu jinbena madwar l-oġġetti li għejjin fir-rigward tas-Saħħa Waħda u l-espożomi:

(a) l-iffaċilitar ta' koordinazzjoni strateġika fl-implimentazzjoni tiegħu;

(b) il-promozzjoni tal-koordinazzjoni fir-riċerka;

(c) it-tisħiħ tal-bini tal-kapaċità;

(d) it-tisħiħ tal-komunikazzjoni u l-involviment tal-partijiet ikkonċernati;

(e) l-appoġġ tal-iżvilupp ta' sħubijiet konġunti.

Emenda 109

Proposta għal regolament Artikolu 44 - paragrafu 11 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

11. Il-qafas għal azzjoni msemmi fil-paragrafu 11 għandu jkun konsistenti mal-mandati rispettivi ta' kull aġenzija u ma għandux ifixkel l-attivitajiet statutorji tagħhom.

Emenda 110

Proposta għal regolament Artikolu 45 - paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Meta l-Aġenzija tidentifika sors potenzjali ta' diverġenza, hija għandha tikkuntattja lill-korp ikkonċernat sabiex tiżgura li tiġi kondiviża l-informazzjoni

2. Meta l-Aġenzija tidentifika sors potenzjali ta' diverġenza **kif imsemmi fil-paragrafu 1**, hija għandha tikkuntattja lill-korp **l-ieħor** ikkonċernat sabiex tiżgura

xjentifika jew teknika rilevanti kollha u sabiex tidentifika l-kwistjonijiet xjentifiċi jew tekniċi potenzjalment kontenzjużi.

Emenda 111

Proposta għal regolament Artikolu 45 - paragrafu 3

Test proposit mill-Kummissjoni

3. L-Aġenzija u l-korp **ikkonċernati** għandhom jikkooperaw biex isolvu d-diverġenza. Jekk l-Aġenzija u l-korp **ikkonċernati** ma jkunux jistgħu jsolvu d-diverġenza, huma għandhom ifasslu rapport konġunt. Ir-rapport għandu jiddeskrivi b'mod ċar il-kwistjonijiet xjentifiċi kontenzjużi, jidentifika l-inċertezzi rilevanti fid-data u r-raġunijiet sottostanti **għall-opinjonijiet diverġenti**, inkluż **dwar id-differenzi** metodoloġiċi, **u** jkun disponibbli għall-pubbliku. Meta l-korp ikkonċernat ikun aġenzija tal-Unjoni jew kumitat xjentifiku, l-Aġenzija għandha tippreżenta **r-rapport** konġunt lill-Kummissjoni.

Emenda 112

Proposta għal regolament Artikolu 46

Test proposit mill-Kummissjoni

li tiġi kondiviża l-informazzjoni xjentifika jew teknika rilevanti kollha u sabiex tidentifika l-kwistjonijiet xjentifiċi jew tekniċi potenzjalment kontenzjużi.

Emenda

3. L-Aġenzija u l-korp ***l-ieħor ikkonċernat*** għandhom jikkooperaw biex isolvu d-diverġenza, ***filwaqt li jqisu l-objettiv ta' livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u tal-ambjent***. Jekk l-Aġenzija u l-korp ***l-ieħor ikkonċernat*** ma jkunux jistgħu jsolvu d-diverġenza, huma għandhom ifasslu rapport konġunt. Ir-rapport għandu jiddeskrivi b'mod ċar il-kwistjonijiet xjentifiċi kontenzjużi, jidentifika l-inċertezzi rilevanti fid-data u ***jagħti*** r-raġunijiet sottostanti ***għad-diverġenza tal-opinjonijiet***, inkluż ***raġunijiet relatati mad-differenzi*** metodoloġiċi. ***Ir-rapport għandu*** jkun disponibbli għall-pubbliku. Meta l-korp ***l-ieħor*** ikkonċernat ikun aġenzija tal-Unjoni jew kumitat xjentifiku, l-Aġenzija għandha tippreżenta ***wkoll ir-rapport*** konġunt lill-Kummissjoni.

Emenda

Setgħat delegati

1. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 29(6) soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u għal perjodu ta' 5 snin minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok daħħal: id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu ta' 5 snin.

2. Id-delega tas-setgħa msemmija fil-paragrafu 1 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

3. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji

**stipulati fil-Ftehim
Interistituzzjonali tat-
13 ta' April 2016 dwar it-
Tfassil Aħjar tal-Liġijiet³⁸.**

**4. Hekk kif tadotta att delegat,
il-Kummissjoni għandha
tinnotifikah simultanjament
lill-Parlament Ewropew u lill-
Kunsill.**

**5. Att delegat adottat skont il-
paragrafu 1 għandu jidhrol fis-
seħħ biss jekk la l-Parlament
Ewropew u lanqas il-Kunsill
ma jkunu oġġezzjonaw għalih
f'perjodu ta' 3 xhur min-
notifika ta' dak l-att lill-
Parlament Ewropew u lill-
Kunsill jew jekk, qabel ma
jiskadi dak il-perjodu, kemm
il-Parlament Ewropew kif ukoll
il-Kunsill ikunu informaw lill-
Kummissjoni li ma jkunux se
joġġezzjonaw għalih. Dak il-
perjodu għandu jiġi estiż bi 3
xhur fuq inizjattiva tal-
Parlament Ewropew jew tal-
Kunsill.**

**³⁸ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1,
ELI:
[http://data.europa.eu/eli/agree
_interinstit/2016/512/oj](http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2016/512/oj).**

Emenda 113

**Proposta għal regolament
Artikolu 48 - paragrafu 1 - punt 3**

Test propost mill-Kummissjoni

**(3) fl-Artikolu 77, *jitħassar il-
paragrafu 1*;**

Emenda

**(3) fl-Artikolu 77, *jitħassru l-
paragrafu 1, u l-paragrafu 3,
il-punti (b) u (c)*;**

Emenda 114

**Proposta għal regolament
Artikolu 54 - titolu**

Test propost mill-Kummissjoni

Evalwazzjoni

Emenda

Evalwazzjoni **u rieżami**

Emenda 115

**Proposta għal regolament
Artikolu 54 - paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-evalwazzjoni għandha tindirizza l-ħtieġa possibbli li jiġi mmodifikat il-mandat tal-Aġenzija, u l-implikazzjonijiet finanzjarji ta' kwalunkwe modifika bħal din.

Emenda

2. L-evalwazzjoni għandha tindirizza l-ħtieġa possibbli li jiġi mmodifikat il-mandat tal-Aġenzija, u l-implikazzjonijiet finanzjarji ta' kwalunkwe modifika bħal din. **L-evalwazzjoni għandha tivvaluta wkoll il-funzjonament tal-Kumitati u jekk ikunx xieraq li jiġu allinjati jew adottati l-Artikoli 14 u 15 ta' dan ir-Regolament.**

Emenda 116

**Proposta għal regolament
Artikolu 54 - paragrafu 3**

Test propost mill-Kummissjoni

3. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Bord tat-Tmexxija dwar is-sejbiet tal-evalwazzjoni. Għandhom jiġu inklużi pjan ta' azzjoni u skeda ta' żmien, jekk ikun xieraq. Is-sejbiet tal-evalwazzjoni għandhom isiru pubbliċi mill-Kummissjoni.

Emenda

3. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Bord tat-Tmexxija dwar is-sejbiet tal-evalwazzjoni. Għandhom jiġu inklużi pjan ta' azzjoni u skeda ta' żmien, jekk ikun xieraq. **Il-Kummissjoni għandha, fejn xieraq, tippreżenta proposta leġiżlattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.** Is-sejbiet tal-evalwazzjoni għandhom isiru pubbliċi mill-Kummissjoni.